

30 SENA 1981-2011

NEWSPAPER POST
ISSN 2221-576X

IL-BELT VICTORIA

Pubblikazzjoni bimensili tal-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ | Għawdex

MARZU – APRIL 2011 Nru 179

# Il-priedki ta' Pelbartus Ladislaus de Temesvár fuq San Ġorġ Martri

Dun Ġużepp Gauci

**Daħla**

Pelbartus Ladislaus de Temesvár (jew Temeswár) kien kittieb u predikatur magħruf Franġiskan. Twieled fl-1430 f'Temesvár, fl-Ungerija, il-lum Timisoara fir-Rumanija. Fl-1458 mar jistudja fl-Università ta' Krakow, minn fejn fl-1463 ħa l-liċenzjat fit-Teoloġija. X'aktarx fl-1471 ħalla Krakow bid-dottorat. Fl-1483 jissemma fl-Annali tal-komunità Franġiskana tal-Monasteru ta' San Ġwann f'Buda, il-kapitali ta' l-Ungerija. Wara l-1483 il-kitbiet tiegħu bdew jingħataw għall-istampa. L-ewwel edizzjoni stampata tal-priedki tiegħu ġġib id-data ta' l-1498. Fl-1503 ġiet ippubblikata verżjoni stampata tan-noti tal-lekċers li kien jagħti. Pelbartus miet fid-9 ta' Jannar 1504 f'Buda, bil-fama ta' kittieb u professur magħruf ħafna. Verżjonijiet fil-lingwa Ungeriża tal-kitbiet manuskritti tiegħu jġibu d-data ta' l-1510. Aktar tard saru traduzzjonijiet tagħhom f'diversi lingwi, fosthom fil-Latin, b'liema traduzzjoni qed ninqeda biex nagħti dan it-tagħrif li ġej. Ta' min jgħid li l-priedki ta' dan Pelbartus huma ppreżentati b'mod sistematiku, f'punti diversi, biex ikunu ta' għajnuna lil predikaturi oħra fil-missjoni tagħhom tax-xandir tal-Kelma ta' Alla.

Fost il-priedki tiegħu nsibu ħafna fuq il-Misteri ta' Kristu u fuq iż-żminijiet liturġiċi differenti. Għandu għadd kbir ta' priedki, mimlijin b'siltiet mill-Iskrittura u mis-Santi Padri, fuq il-Verġni Mbierka, l-aktar fuq it-Tnissil bla Tebgħa tagħha. Għandu wkoll priedki fuq diversi qaddisin imqassmin skond iż-żewġ staġuni ewlenin tas-sena; fosthom, fl-istaġun tax-Xitwa nsibu erbgħa fuq San Ġorġ Martri li fuqhom sa nagħti xi tagħrif f'din il-kitba tiegħi.




jissokta f'paġna



## ĊELEBRAZZJONIJIET DINJITUŻI F'ĠIEĦ L-ISQOF CAUCHI FIL-BAŻILIKA TA' SAN ĠORĠ

**L-Isqof Nikol Ġużeppi Cauchi (1929-2010), fundatur u l-ewwel dekan tal-Kolleġġjata ta' San Ġorġ, ġie mfakkar b'mod dinjituż fil-bażilika tagħna permezz ta' żewġ ċelebrazzjonijiet imħejjija mill-Kumitat Storiku-Kulturali. Dawn ittellgħu qrib għeluq l-erba' xhur minn mewtu, f'Marzu li għadda.**

» aqra r-rapport sħiħ f'paġna 6

# Editorjal

U F F I Ċ Ċ J U E D I T O R J A L I
Ufficċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex
tel: 2155 6377, fax: 2155 6981 email: info@ilbeltvictoria.org
web: www.stgeorge.org.mt radio: 104.00MHz FM Stereo

## Il-Volontarjat f'San Ġorġ... fis-sena ddedikata lilu!

Kull min b'xi mod imiss mal-parroċċa tagħna ma jistax ma jinnotax l-attività dejjem għaddejja, bħal magna li qatt ma tegħja jew tieqaf. Hekk hi l-komunità parrokkjali Ġorġjana bl-entitajiet kollha fi ħdanha: istituzzjoni attiva li kapaċi ġġedded il-qadim u toħloq il-ġdid, għax qatt m'hi kuntenta b'dak li sabet qabilha, imma, b'rispett sħiħ lejh, dejjem tibni fuqu. Ta' min jistaqsi ftit min huma dawn in-nies li jaħdmu bla heda u dejjem ħerqana għal aktar. Dawn huma l-Ġorġjani veri li fil-ħidma tagħhom b'riżq il-parroċċa tagħna ma jfittxux xi gratifikazzjoni jew interess personali imma l-ġid sħiħ tal-komunità.

Din is-sena l-Kummissjoni Ewropea qed tfakkar lil dawk kollha li jagħtu parti minn ħinhom f'ħidma ta' volontarjat. Ikun xieraq li minn dawn il-paġni nsellmu lil tant persuni li jagħtu s-sehem volontarju tagħhom f'xi wieħed mid-diversi oqsma tal-parroċċa. Volontarju jfisser "bla ħlas", imma jfisser ukoll "mill-qalb"!

Insellmu b'mod speċjali lill-kontributuri kollha ta' din ir-rivista li kull xahrejn ifornuna b'materjal daqstant informattiv u oriġinali. Dawn it-tletin sena ta' storja tagħha huma mimlijin b'nies bħal dawn! Minn dawn il-kolonni nixtiequ nuru wkoll il-gratitudni tagħna lejn dawk kollha li b'mod diżinteressat jagħtu parti minn ħinhom fil-ħidma tal-parroċċa. Lil dawn il-persuni, li żgur ma nistgħux insemmuhom kollha b'isimhom għaliex m'humiex ftit, nirringrazzjawhom mill-qalb, filwaqt li nħeġġu lil iktar membri tal-komunità tagħna jagħtu s-sehemhom. Inħeġġuhom ukoll jappoġġjaw l-inizjattivi li tieħu l-parroċċa u jgħinu fejn jistgħu, anki – għaliex le! – b'għajnuna finanzjarja... L-attivitajiet huma ħafna u wisq iżjed xi jsir, u għalhekk kull għajnuna hi apprezzata.

Il-ħidma fil-parroċċa hi waħda vasta mifruxa mill-qasam pastorali u liturġiku għal dak tal-manutenzjoni u l-armar fil-bażilika, mill-kordinament u t-tħejjija loġistika ta' ċelebrazzjonijiet u attivitajiet speċjali għal xogħol ta' stampar u komunikazzjoni, bħal dak tal-websajt u fl-istazzjon tar-radju komunitarju, fost tant oħrajn. Ta' min jinnota li ħafna minn din il-ħidma ssir minn lajċi impenjati, spiss bl-inkuraġġiment u l-għajnuna ta' saċerdoti mill-parroċċa tagħna li jissapportjaw il-ħidma li tkun għaddejja.

Ma rridux ninsew lanqas li l-ħidma volontarja minn parruċċani tagħna m'hix biss fi ħdan l-istruttura tal-parroċċa, imma anki lil hemm minnha, b'tant fostna li joffru b'xejn is-servizz – anki professjonali – tagħhom f'organizzazzjonijiet non-governattivi u volontarji, jew anki f'għaqdiet u movimenti reliġjużi. Lil dawn ukoll insellmulhom u nirringrazzjawhom mill-qalb tal-ħin li qed joffru għat-tiswir ta' soċjetà aħjar.

### KRONAKA PARROKKJALI

*Membri ġodda fil-komunità parrokkjali*

06/03/2011 **Andrè**, bin Thomas Xerri u Deborah Agius
06/03/2011 **Benjamin**, bin Lilian Zammit u Govren Caruana
11/03/2011 **Jodilee**, bint Roxanne Grech
23/04/2011 **Ella**, bint Nathaniel Attard u JoAnna Spiteri
23/04/2011 **Nina**, bint Miriam Curmi u Shawn Debono
23/04/2011 **Beppe**, bin Christopher Vella u Marika Scicluna
23/04/2011 **Zac**, bin Maria Grima u Jeremy Vella
29/04/2011 **Clive**, bin Andrew Attard u Manuela Grech
30/04/2011 **Aiden**, bin Alex Bajada u Simone Attard

*Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxoxt*

21/03/2011 **Rosa Sillato**
25/03/2011 **Anthony Vella**
01/04/2011 **Maria Stella Spiteri**
09/04/2011 **Francesco Farrugia**

*Il-Belt Victoria* hi l-pubblikazzjoni maħruġa kull xahrejn mill-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ, bl-għan li twassal il-messaġġ Kristjan u aħbarijiet oħra tal-parroċċa lill-membri tal-komunità parrokkjali mifruxa ma' l-erbat irjieħ tad-dinja. L-ewwel ħarġa ġiet stampata fl-1981 wara deċiżjoni li ttieħdet f'seminar parrokkjali fi Frar ta' dik is-sena, bl-inizjattiva ta' l-Arċipriet Mons. Emanuel Mercieca. Mitbugħa għand *A&M Print*, il-Qala, Għawdex.

BORD EDITORJALI
Francesco Pio Attard, Andrew Formosa, Neville Galea, Antoine Vassallo, George Francis Vella
Il-fehmiet tal-kontributuri mhux bilfors jaqblu ma' dawk tal-bord editorjali.

FOTOGRAFIJA
Joe Attard, Dr Michael J. Camilleri, Mario Casha, Andrew Formosa, Ivan Galea, Tonio Schembri, Mons. Felix Tabone, Joseph J.P. Zammit

# MESSAĠĠ mill-Arċipriet

*Mons. Pawlu Cardona*

cardonapaul@gmail.com



Nhar il-Ġimgħa 29 ta' April 2011, wara nofs in-nhar, x'ħin wasalt l-Ajruport ta' Malta fi triqti lejn Ruma, skoprejt li kienu mhux ftit il-Ġorġjani, kbar u żgħar, waħidhom jew bil-familja, li kienu sejrin għall-beatifikazzjoni ta' Ġwanni Pawlu II.

Kienet esperjenza meraviljuża l-beatifikazzjoni ta' Ġwanni Pawlu II, f'dak kollu li sar: il-velja organizzata mid-Djoċesi ta' Ruma fiċ-*Circo Massimo* nhar is-Sibt 30 April; it-talb li ssokta matul il-lejl kollu fi knejjes li baqgħu miftuħa apposta ma' Ruma kollha; iċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika ta' l-1 ta' Mejju mmexxija mill-Qdusija Tiegħu l-Papa fi Pjazza San Pietru, fejn hu pproklama l-beatu l-ġdid; il-qima tal-fdalijiet ta' Ġwanni Pawlu II ġo San Pietru, b'folol kbar ta' nies li għal ġurnata u nofs żaruh u dritt wara żaru l-qabar il-ġdid mibni taħt l-altar ta' San Bastjan. Kienet eżaltazzjoni ta' *bniedem ta' Alla* awtentiku, li l-qdusija tiegħu ġiet magħrufa b'reqqa kbira mill-awtorità tal-Knisja, u li l-kunsens ta' dan kien lil hinn mill-konfini tal-Kattoliċi. Nistgħu ngħidu li kien il-kontinwazzjoni ta' dak li kien sar u nkiteb fl-2005: "Qaddis mill-ewwel!".

**Il-Misteru ta' l-Għid: il-qaddisin**

Nistgħu ngħidu li ċ-ċelebrazzjoni ta' l-Għid ta' din is-sena għexnieha u kienet minsuġa mix-xhieda sublimi ta' Ġwanni Pawlu II. Il-Papa Benedittu XVI, waqt it-Tridu ta' l-Għid, poġġieh fost l-eżempji (il-qaddisin) l-aktar imdawla, li grazzi għall-fidi tagħhom u għall-imħabba tagħhom, jagħtu tama lid-dinja: "Niftakru fih u grati għalih li hu xhud kbir ta' Alla u ta' Ġesù Kristu fiż-żminijiet tagħna, bniedem mimli bl-Ispirtu s-Santu".[1] Kien ftit ġranet qabel li l-Papa kien qal fl-Udjenza Ġenerali tiegħu li "il-qaddisin juru b'modi diversi l-preżenza qawwija u li tbiddel ta' Dak li qam mill-imwiet: ħallew lil Kristu jagħmel tiegħu l-ħajja tagħhom fil-milja, tant li setgħu jgħidu ma' San Pawl: 'Mhux jien ngħix, iżda Kristu jgħix fija'".[2] U jekk il-qdusija ma tikkonsistix f'li wieħed jagħmel ħwejjeġ ta' barra minn hawn – għalkemm Ġwanni Pawlu II wettaq ħwejjeġ straordinarji –, ta' min jgħid li hu sar beatu għaliex ried ikun magħqud ma' Ġesù Kristu, għex il-misteri tiegħu, fittex li jidentifika ruħu fil-ħsibijiet tiegħu u fl-atteġġjamenti li kellu; fi kliem ieħor, fassal ħajtu fuq il-Vanġelu.[3]

**Il-qaddej**

Iktar drabi, fit-tagħlim tiegħu fi żmien l-Għid, Benedittu XVI tkellem fuq Ġesù, li niżel u tbaxxa sar-rokna l-aktar mudlama ta' ħajjitna, "jerfagħna", "itellagħna 'l fuq" mir-reżistenza tagħna, mir-rieda tagħna, ħalli nieħdu sehem fil-proġett tiegħu, jibdilna fih billi jlaqqamna "f'din il-mixja tiegħu: ninqatgħu mill-'Ie' tagħna u nidħlu fl-'Iva' ta' l-Iben".[4] Bidla li m'hijiex biss għalina nfusna, iżda biex ninvolvu "f'dan il-passaġġ tal-Qawmien" lid-dinja tagħna permezz ta' l-għotja tagħna nfusna "mingħajr riserva għall-bżonnijiet l-aktar urġenti u ġusti, kif turi x-xhieda tal-qaddisin".[5] Lil Ġwanni Pawlu II jeħtieġ li nħarsu lejh b'attenzjoni u responsabbiltà: fil-fatt hu aċċetta l-pontifikat tiegħu, iżda ma talabx li jinżel mis-salib. Għex l-eżistenza mogħtija lilu, kien magħruf bħala xhud kredibbli, u kien mismugħ.

Ġwanni Pawlu II għaraf ikun qaddej ta' Kristu u tal-Knisja tiegħu. Il-Papa Benedittu XVI, fil-bidu tar-Randan ta' din is-sena, hekk qal lis-saċerdoti ta' Ruma: "Naqdi jfisser li ma nagħmilx dak li jien nipproponi... iżda nintelaq f'li naqdi lill-ieħor... Hu importanti dan l-aspett konkret tal-qadi: li ma nagħżlux aħna dak li għandna nagħmlu, iżda nkunu qaddejja ta' Kristu fil-Knisja, u naħdmu kif tgħidilna l-Knisja, fejn il-Knisja ssejħilna: qaddejja li ma jagħmlux ir-rieda tagħhom, iżda r-rieda tal-Mulej".[6]

Hekk ġab ruħu Ġwanni Pawlu II meta fassal ħajtu fuq il-Misteru ta' l-Għid u wriena xi tfisser tkun miġbud u mħaddan minn Kristu. Ħajtu kienet "il-beatitudni tal-fidi: Ġwanni Pawlu II hu beatu għall-fidi tiegħu, qawwija u ġeneruża, appostolika".[7] Ir-relazzjoni ma' Alla, fil-fatt, hija l-element li jiġġenera personalità formidabbli u affaxxinanti. Il-qdusija, għalih, kienet l-għan li jiġi qabel kull għan ieħor, l-għażla li fuqha laqqam u indirizza kull għażla oħra, ibda minn dik saċerdotali; l-għażla li għamel mingħajr dubji u riġidità, mingħajr il-biża' li Alla seta' jitlob minnu ħafna. Huwa dak li malli laħaq papa, talab lil kulħadd: "Iftħu beraħ il-bibien għal Kristu!". "Hu kien l-ewwel li għamlu dan".[8]

**Bniedem sħiħ**

Hawn jinsab is-sigriet evanġeliku tiegħu: minn naħa waħda kien marbut mat-tradizzjoni tal-Knisja, u min-naħa l-oħra kien kreattiv, anzi kien imur kontra l-kurrent. Kien jispira ċertezza u qawwa, u kien jippreżenta ruħu quddiem il-kbar tad-dinja b'sempliċità straordinarja. Tassew kien wieħed "li juri t-toroq";[9] ħafna huma dawk fid-dinja li, grazzi għalih, sabu jew sabu mill-ġdid l-interess tagħhom fil-Kristjaneżmu, billi hu "qaleb b'qawwa ta' ġgant tendenza li kienet tidher irriversibbli".[10] Kif dejjem ġara fl-istorja twila tal-papiet, hu ġarr fuqu l-piż tal-merħla tal-Mulej (ara Ġw 21:15-18); minn rajh, ukoll, mar f'kull *"agorà"*[11] biex ixandar il-Kelma li fiha biss hemm is-salvazzjoni (ara Atti 4:12). Quddiem bosta oqsma tas-soċjetà tagħna, ippreżenta ruħu bħala l-ħarries tal-kawża tal-bniedem, u fl-istess ħin iddefenda l-aspett traxxendentali tad-dinjità ta' l-istess bniedem: kien fuq din l-antropoloġija li bena l-pontifikat tiegħu. Kien ukoll, fuq livelli differenti, l-appostlu tad-drittijiet inaljenabbli tal-bniedem, u ma ħalla qatt li jkun ikkundizzjonat minn diplomaziji jew konvenjenzi ta' kull tip. Il-kawża tal-bniedem, fih, iltaqgħet ma' dik tal-Vanġelu, sa ma nbidel fiha. "Il-bniedem huwa t-triq għall-Knisja", hekk kif "Kristu huwa t-triq għall-bniedem": dan it-tagħlim insibuh fl-enċiklika programmatika tiegħu *Redemptor hominis* (1979), fejn naqraw fil-qosor l-esperjenza personali ta' ħajtu kif megħjuxa fis-seklu dsatax, u nsibu l-qafas tal-ħsieb kollu tiegħu. Il-bniedem f'sens sħiħ huwa Ġesù

*jissokta f'paġna 13...*

*...jaqbad mill-qoxra*

# Tliet priedki mill-isbaħ fuq San Ġorġ

Fil-każ tal-priedki *"de Sanctis"* ta' Pelbartus hemm aktar minn mitejn priedka mqassmin f'żewġ gruppi. Fil-*"Pars Hiemalis"*, priedki għall-istaġun tax-Xitwa, jiġifieri mill-festa ta' Sant'Indrija (30 ta' Novembru) sal-festa tat-Tlugħ fis-Sema tal-Mulej, hemm 97 priedka. Il-bqija – 124 priedka – jinsabu fil-*"Pars Æstivalis"*. F'nota li għamel Pelbartus stess, insibu li hu qagħad attent biex idaħħal erba' priedki għal kull festa ta' qaddisin meqjumin fl-Ungerija, fosthom San Ġorġ Martri, li l-priedki tiegħu huma nnumerati LXXI, LXXII, LXXIII u LXXIV (71-74).

**L-ewwel priedka: San Ġorġ suldat**

L-ewwel priedka fuq San Ġorġ hi mibnija fuq kliem San Pawl lil Timotju: "Tqabad it-taqbida t-tajba tal-fidi; qis li tirbaħ il-ħajja ta' dejjem li għaliha kont imsejjaħ" (1 Tim 6:12). Kull Nisrani hu msejjaħ għal din it-taqbida u fuqha għandna l-eżempju ta' Ġorġi li tqabad u rebaħ il-ħajja ta' dejjem. Pelbartus ikompli jinseġ din il-priedka fuq it-tliet raġunijiet għaliex jeħtieġ nitqabdu. Dan nagħmluh biex bħal Kristu u bħal San Ġorġ nieqfu kontra l-għedewwa spiritwali, u dan għax hekk hu dmirna, għax jeħtieġ iwwarrbu kull periklu u għax jeħtieġ nimxu lejn il-premju tar-rebħa.




Bħala eżempju prattiku, Pelbartus jirreferi għal-leġġenda tar-rebħa ta' San Ġorġ fuq id-dragun u jfisser kif id-dragun jirrappreżenta tliet għedewwa spiritwali: hu jitkaxkar ma' l-art u hekk ikaxkar lill-bniedem fix-xeħħa għall-ġid tad-dinja; kif itir fl-arja hekk jerfa' lill-bniedem 'il fuq bis-suppervja; kif jgħum fl-ilma hekk jgħaddas lill-bniedem fil-ħażen taż-żinà.

Ikompli jfisser il-mezzi li juża d-dragun biex jirbaħ lill-bniedem: bil-gidma infettiva tal-pjaċir tal-ġisem, bin-nar tax-xewqat ħżiena li jonfoħ fina, u bil-velenu li jnissel fi qlubna. Iżda minn dan kollu l-bniedem jista' jfiq jekk, kif għamel il-poplu fid-deżert fi żmien Mosè, jgħolli ħarstu lejn Ġesù Msallab u bħalu jibqa' sod sa l-aħħar.

Pelbartus joffri lin-Nisrani, dejjem fuq l-eżempju ta' San Ġorġ, tliet mezzi biex in-Nisrani jirbaħ: li jinqeda bl-armi meħtieġa li jsemmi San Pawl fl-Ittra lill-Efesin 6; li fil-ġlieda ma jkunx biered jew traskurat, imma qawwi u determinat; li jippersevera bil-fedeltà sa l-aħħar fit-taqbida.

Pelbartus itemm din il-priedka tiegħu billi jirrakkonta dak li għadda minnu San Ġorġ fil-ġlieda rebbieħa tiegħu li wasslitu għall-martirju u għall-glorja dejjiema. Jispiċċa b'talba: "Ejjew, ħuti, infaħħru lill-Mulej Ġesù f'dan il-martri glorjuż u nitolbu biex għall-merti tiegħu jagħtina l-maħfra ta' dnubietna fiż-żmien tal-lum u l-glorja fil-ġejjieni. Amen".

**It-tieni priedka: San Ġorġ fl-eżerċtu ta' Kristu**

It-tieni priedka ta' Pelbartus hi mnebbħa minn kliem San Pawl lil Timotju: "Bati bħala suldat tajjeb ta' Kristu Ġesù" (2 Tim 2:3). Ladarba kull Nisrani hu suldat ta' Kristu, għandu jkun fidil għall-wegħda li għamel fil-Magħmudija li jiġġieled kontra l-ħażen. U hawn Pelbartus jgħid: "San Ġorġ tassew iġġieled għal Ġesù Kristu. Għalhekk fuqu jgħid Ambroġ fil-Prefazju tiegħu: 'Ġorġi, suldat wisq fidil ta' Kristu, waqt li l-istqarrija ta' l-Insara kienet qed issir fis-skiet, waħdu fost l-Insara stqarr mingħajr biża' lill-Iben Alla'". Għalhekk l-Insara kollha għandhom jitħeġġu biex jimitaw lil San Ġorġ fil-fedeltà tiegħu fl-eżerċtu ta' Kristu.

Biex dan isir jeħtieġ nikkunsidraw f'San Ġorġ tliet impenji: hu ħadem u bata bħala suldat tajjeb ta' Ġesù Kristu. Fuq l-ewwel irridu niftakru li s-suldati ta' Kristu ma jistgħux jitgħażżnu, u jekk is-Sultan tagħhom jistinka u jaħdem huma għandhom jagħmlu bħalu. Bħala suldati għandhom jiftakru li m'hux xieraq għalihom jgħaddu ħajja ħafifa, imma jeħtieġ ibatu filwaqt li jistennew ħlas xieraq skond il-ħidma li jkunu għamlu. Fuq "suldat tajjeb", għalkemm l-idea ta' suldat hi marbuta ma' ġlied u gwerer, il-ħidma ta' suldat hi tajba meta jiddefendi, ifittex il-ġustizzja u jġib is-sliem. Fuq "ta' Kristu Ġesù" jeħtieġ niftakru li hemm suldati tax-Xitan, tad-dinja u ta' Ġesù Kristu. In-Nisrani għandu jkun suldat ta' Ġesù Kristu, billi jogħġob lilu u juri fedeltà lejh kif wiegħed fil-Magħmudija, billi jħobbu fuq kollox u fuq kulħadd, u billi jiġġieled għalih sal-mewt, kif għamel San Ġorġ.

Min hu fl-eżerċtu ta' Ġesù Kristu jeħtieġ iħaddem id-don tal-biża' ta' Alla, billi joqgħod attent li ma joffendix u lanqas jonqos mill-fedeltà lill-mexxej ta' l-eżerċtu Nisrani, Ġesù. Pelbartus jispiċċa din il-priedka billi jgħidilna li hu xieraq li nitolbu, li nżommu quddiemna l-eżempju u nitolbu l-għajnuna tas-suldat twajjeb ta' Kristu: "O San Ġorġ, suldat ta' Ġesù Kristu, għall-merti ta' l-imħabba li kellek għas-Sultan tiegħek, iksbilna l-grazzja li neħtieġu l-lum u l-glorja fil-ġejjieni. Amen".

**It-tielet priedka: San Ġorġ suldat li joffri spiritwalità lis-suldati tad-dinja**

It-tielet priedka ta' Pelbartus titnebbaħ ukoll minn kliem San Pawl lil Timotju: "Din hi l-ordni li nħallilek f'idejk, biex tidħol għat-taqbida t-tajba, b'fidi u b'kuxjenza tajba" (1 Tim 1:18-19). Kull Nisrani għandu jilqa' dan il-kliem fit-taqbida kontra x-xjaten tal-ħażen. U billi San Ġorġ, suldat mill-aħjar, ġab ruħu ta' suldat b'dan il-mod, dan il-kliem jingħadlu b'tifħir għalih u b'eżempju għalina. L-ewwel nett, bħala suldat għadda minn eżerċizzju xieraq, kellu intenzjoni tajba fit-taqbida, tqabad bil-kuraġġ u bil-qawwa, u fittex il-ġustizzja. Dawn huma, skond l-għalliema tal-Knisja, l-erba' kundizzjonijiet biex ikun hemm suldat tajjeb. Hekk għamel Ġorġi f'kollox, u allura kien suldat mill-aħjar ta' Kristu, li miegħu issa jsaltan għal dejjem.

It-tieni ħsieb ifakkarna fit-taqbida t-tajba. Fuq dan insibu erba' prinċipji magħrufin mill-għalliema tal-Knisja: titqabad mhux għal xi ħaġa dinjija, imma għall-glorja ta' Alla; titqabad għall-ġustizzja u għall-pajjiż anki sat-tixrid tad-demm;



tiddefendi l-fidi tal-Knisja u tfittex li ġġib il-paċi; qabel it-taqbida tistqarr u tindem minn dnubietek kollha. San Ġorġ ħares dawn il-prinċipji kollha u kull ma hu kellu jagħmel għamlu għal Ġesù Kristu, u allura kiseb grazzja u glorja kbira. O suldat Nisrani, ilqa' l-eżempju tiegħu u tikseb is-salvazzjoni.

It-tielet ħsieb hu fuq taqbida b'fidi u b'kuxjenza tajba. Kull suldat Nisrani biex jasal għal rebħa sħiħa fuq l-eżempju ta' San Ġorġ għandu jkun sod fil-fidi ta' Kristu u b'kuxjenza ħielsa minn kull ħażen. Pelbartus hawnhekk isemmi erba' kwalitajiet ta' ħażen li minnhom għandu jinħeles kull suldat Nisrani: mis-suppervja li twasslu jitkabbar b'li jkun għamel; mill-pjaċir tal-ġisem li jkisser il-moħħ u l-qalb tal-bniedem; mis-serq u mill-kisba ta' xi priża; minn xi superstizzjoni li tattribwixxi lil xi ħlejjaq dak li jkun sar bil-qawwa ta' Alla.

San Ġorg kien attent għal dan kollu għax kien mibni fuq umiltà kbira, safi, meqjus f'kollox, kien iqassam ġidu lill-foqra, u sħiħ u sod fil-fidi vera ta' Kristu, biex armat bil-qawwa tal-fidi jasal għar-rebħa mill-aktar glorjuża. L-ewwel rebaħ fuq id-dragun, it-tieni fuq it-tirann u sħabu, it-tielet fuq ix-Xitan, ir-raba' fuq l-istess mewt. Minħabba dan it-tijonf wisq glorjuż u din il-kuruna tal-martirju, qed isaltan għal dejjem. Għalhekk, o suldat wisq rebbieħ, o atleta wisq glorjuż ta' Kristu, Ġorġi, issa itlob għalina lil Kristu tiegħek!

**Ir-raba' priedka: San Ġorġ suldat f'taqbida spiritwali**

F'din il-priedka Pelbartus jitlaq mill-ktieb tas-Salmi: "Imbierek il-Mulej, Alla tiegħi, li jħarriġli riġlejja għat-taqbida u subgħajja għat-taqtigħa" (Salm 144[143]:1). Skond San Ġrolmu, David qal dan il-kliem waqt li telaq, mingħajr armi, biex jitqabad mal-ġgant Gulija. U jkompli Santu Wistin li minħabba r-rebħa li kiseb, David faħħar 'l Alla b'dan il-mod.

Għalhekk, ladarba San Ġorġ, suldat ta' Ġesù Kristu, tqabad u kiseb rebħa glorjuża fil-ġlieda kontra d-dragun u kontra t-tirann u kontra l-għedewwa spiritwali kollha, u minħabba f'hekk lilna jingħatalna bħala eżempju, bir-raġun kollu jista' jistqarr ma' David kliem is-salm: "Imbierek il-Mulej, Alla tiegħi, li jħarriġli riġlejja għat-taqbida u subgħajja għat-taqtigħa". Minħabba f'hekk inkomplu din il-priedka, jgħid Pelbartus, billi naraw kif San Ġorġ joffrilna tliet eżempji: il-varjetà fit-taqbid spiritwali, l-attenzjoni għaqlija fuq l-għadu, u s-siwi tar-rebħa bl-għajnuna ta' Alla. Fuq dawn it-tlieta Pelbartus joffri diversi punti.

Il-varjetà fit-taqbid spiritwali: hemm il-ħażen ta' dawk li jeħduha kontra Alla bħalma huma l-eretiċi, il-pagani u l-Insara li jgħixu fil-ħażen. L-Insara veri, fuq l-eżempju ta' San Ġorġ, jirbħu dan il-ħażen bil-qawwa tal-fidi. Hemm it-taqbida bejn l-anġli u x-xjaten fuq min minnhom sa jsaltan fuq ruħna. Bħal San Ġorġ li rebaħ lid-dragun tal-ħażen, in-Nisrani għandu jirbaħ il-qerq tax-Xitan u juri fedeltà lejn l-ispirazzjonijiet ta' l-anġli. Hemm it-taqbida bejn il-ġisem u r-ruħ, u ladarba n-Nisrani hu mmexxi mill-Ispirtu s-Santu, ir-rebħa għandha tkun ta' l-ispirtu. Hemm ukoll it-taqbida bejn il-vizzji u l-virtujiet, li fuqha San Girgor qal: "Jekk inżommu fi ħsiebna l-Passjoni ta' Kristu, m'hemm xejn daqshekk iebes li m'aħniex kapaċi nwettqu; b'eżempju ftakru fil-ħajjiet tal-qaddisin u f'dik ta' San Ġorġ li ma ċaħadx li jmut waqt li ġġieled kontra l-vizzji kollha bil-ħidma tal-virtujiet".

L-attenzjoni għaqlija fuq l-għadu: Santu Wistin ifakkar li jekk l-għadu hu makakk biex jagħmel il-ħsara, in-Nisrani għandu jkun tassew attent u bil-għaqal. Dan jagħmlu billi jarma ruħu minn qabel, jagħraf mill-ewwel kull xorta ta' periklu, ikun pront biex jeħodha kontra l-ħażen u jirreżisti bil-qawwa kollha.

Is-siwi tar-rebħa bl-għajnuna ta' Alla: is-suldat li jitqabad jeħtieġ iżomm f'moħħu l-ħtieġa tal-fiduċja f'Alla u t-talb, iqanqal fih ħeġġa għat-taqbida, iħares lejn eżempji ta' suldati qawwija, u jżomm f'moħħu r-rebħa li hemm lesta għalih. Pelbartus jistqarr li kienu dawn l-erba' ħsibijiet li taw qawwa lil San Ġorġ biex jirbaħ.

Imma, ikompli Pelbartus, billi dawn l-erba' ħsibijiet bilkemm huma biżżejjed biex is-suldat Nisrani jasal għar-rebħa, hemm bżonn l-għajnuna ta' Alla għax "mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn" (Ġw 15:5). Naqraw li San Ġorg affronta lid-dragun billi wettaq lilu nnifsu bis-sinjal tas-salib u talab 'l Alla. Hemm bżonn ukoll is-saħħa tal-fidi u tal-Kelma ta' Alla. San Ġorġ, imfarraġ mill-fidi u mill-Iskrittura Mqaddsa u minn kliem Kristu, sofra kull tbatija u rebaħ. L-eżempju ta' Kristu jsaħħaħ lis-suldat Nisrani: hekk ukoll ix-xhieda glorjuża ta' l-Appostli, tal-martri, tal-konfessuri, tal-verġni li żammew iebes fil-ġlieda, l-aktar fosthom San Ġorġ. Il-qligħ li hemm jistenna lis-suldat li jirbaħ hu qawwa mill-aqwa. O ruħ Nisranija, tgħallem mill-eżempju ta' San Ġorġ, irbaħ l-għedewwa tiegħek biex timmerita l-kuruna tas-Saltna smewwija flimkien miegħu għal dejjem. Amen.

**Għeluq**

Dawn il-priedki ta' Pelbartus ta' Temesvár fuq San Ġorġ Martri mhux biss juruna kemm San Ġorġ nebbaħ predikaturi u kittieba bil-ħajja qaddisa tiegħu, imma joffrulna minjiera ta' tagħlim spiritwali li jiswilna biex infasslu ħajjitna fuq dik tal-qaddis patrun tagħna. Kif San Ġorġ nebbaħ lil Pelbartus u lil tant oħrajn bħalu b'din il-minjiera ta' riflessjonijiet qaddisa, hekk għandu jnebbaħ lilna bla waqfien biex ngħixu ħajja qaddisa u biex, bħala suldati veri ta' Kristu, niġġieldu u nirbħu kull xorta ta' ħażen li jfixkilna fil-mixja spiritwali tagħna. Din hi l-vera qima, fl-ispirtu u l-verità, illi lkoll għandna nagħtu lill-Patrun u kbir Protettur tagħna, San Ġorġ Megalomartri.



..jaqbad mill-qoxra

# Ċelebrazzjonijiet f'ġieħ l-Isqof Cauchi



Is-Sibt 12 ta' Marzu, fit-8.00pm, ittellgħet **Akkademja Mużiko-Letterarja** taħt il-presidenza ta' l-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech, Dekan tal-Kolleġġjata. Il-programm kien tassew varjat, b'diversi interventi mużikali mill-Banda Ċittadina *La Stella* u l-Kor *Laudate Pueri*. Fil-fatt għall-okkażjoni l-Banda, taħt id-direzzjoni tas-surmast direttur tagħha l-Prof. Joseph Vella, fost l-oħrajn żanżnet l-eleġija ta' Mario Galea *In Memoriam Bishop Nicholas J. Cauchi*, waqt li l-Kor akkumpanja bil-kant l-*Overture "Solenne"* ta' l-intermezz *Ludus Tonalis* ta' Vella.

Is-serata fetħet b'indirizz ta' merħba mill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona, waqt li ż-żewġ diskorsi prinċipali saru minn Antoine Vassallo u Dr Paul George Pisani, it-tnejn membri tal-Kumitat Storiku-Kulturali, li taw ħarsa lejn l-episkopat ta' Monsinjur Cauchi, il-kwalitajiet sbieħ ta' ħajtu u r-rabtiet li kellu mal-parroċċa tagħna. Inqraw ukoll xi poeżiji kif ukoll siltiet mill-kitbiet ta' l-Isqof Cauchi nnifsu. L-akkademja ġiet fi tmiemha b'messaġġ mill-Isqof Grech, li dritt wara inawgura wirja kommemorattiva fil-Kappellun ta' Ġesù u Marija.

Għas-serata attendew bosta mistiedna distinti, fosthom l-Ambaxxatur ta' l-Istati Uniti f'Malta Dr Douglas W. Kmiec, il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Giovanna Debono, u għadd ta' membri parlamentari, kif ukoll delegazzjonijiet tal-Kolleġġjati Għawdxin.

Il-Ħadd 13 ta' Marzu, fil-11.00am, fl-assenza ta' l-Isqof ta' Għawdex, il-Vigarju Ġenerali Mons. Giovanni Bosco Gauci mexxa **Konċelebrazzjoni Solenni *de requie***, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru tal-bażilika. Fl-omelija tiegħu Mons. Gauci tkellem fuq il-kwalitajiet sbieħ li spikkaw fil-persuna ta' l-Isqof Cauchi kif ukoll fuq l-imħabba li kellu lejn il-Knisja u lejn il-komunità parrokkjali Ġorġjana.




Lejn tmiem il-Quddiesa, l-Arċipriet ippreżenta lil Mons. Gauci, li hu wkoll l-Arċidjaknu tal-Katidral, b'donazzjoni simbolika f'isem il-parroċċa Ġorġjana b'riżq il-monument li qed jitħejja għal fuq il-qabar ta' l-Isqof Cauchi fl-istess knisja Katidrali. Mons. Gauci wera kemm apprezza dan il-ġest, u stieden lil komunitajiet parrokkjali u istituzzjonijiet oħra Għawdxin biex jimxu fuq l-eżempju tal-parroċċa ta' San Ġorġ u jagħtu huma wkoll sehemhom biex isir mafkar xieraq lil dan il-missier kbir ta' l-Għawdxin.

Għal din il-konċelebrazzjoni wkoll attendew bosta personalitajiet distinti, kif ukoll il-membri ta' l-Ordni Sovran u Militari ta' San Ġwann, u delegazzjoni tal-Kapitlu Katidrali. Fuq kollox, għaż-żewġ okkażjonijiet kienu preżenti l-aħwa u familjari oħra ta' l-Isqof Cauchi, li bħala ġest ta' ringrazzjament taw lill-bażilika dawn l-oġġetti mill-kollezzjoni ta' Mons. Cauchi: kalċi u patena tad-deheb li kienu ġew irregalati lilu fit-twaqqif tal-kolleġġjata (Lulju 1976), suttana ffillettata bil-faxxa u l-pellegrina, kif ukoll salib pettorali li lill-Isqof Cauchi kien tahulu l-Arċipriet Mons. Emanuel Mercieca u li jingħad li kien ta' Mons. Giuseppe Farrugia (1852-1925), Dekan tal-Kapitlu Katidrali u Vigarju Ġenerali ta' Għawdex.

Dawn l-oġġetti prezzjużi, flimkien ma' numru ta' ritratti storiċi u esebiti oħra mill-kollezzjoni tal-bażilika b'rabta ma' l-Isqof Cauchi, kienu lkoll parti mill-wirja kommemorattiva li baqgħet miftuħa sa ġimgħa wara. Għall-okkażjoni l-Kumitat Storiku-Kulturali ħa wkoll l-inizjattiva li jiġbor f'pubblikazzjoni mħawra ta' fuq 120 paġna materjal u ritratti interessanti fuq l-Isqof Cauchi u r-rabta tiegħu mal-Bażilika ta' San Ġorġ. Il-ktieb, *L-Isqof Nikol Ġużeppi Cauchi (1929-2010). Fundatur u l-Ewwel Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana*, jista' jinkiseb mill-uffiċċju parrokkjali.





# Il-produzzjoni *Għaliex jien?* fit-Teatru Astra



Huma ħafna l-produzzjonijiet teatrali li jiġu mtellgħa f'Malta u Għawdex fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa, li jirrakkontaw dik li hi l-aktar ġrajja sinifikattiva għan-Nisrani: il-passjoni, il-mewt u l-qawmien tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu. Iżda din is-sena, fuq inizjattiva ta' l-Għaqda ta' l-Armar tal-Festa ta' San Ġorġ, it-Teatru Astra ħaseb biex hu wkoll jinterpreta din il-ġrajja distinta minn lenti pjuttost differenti, kif ippreżentata mill-awtur Joe Chircop u l-kompożituri Patrick Camilleri, Mark Tonna u Andrew Zammit fil-mużikal *Għaliex jien?*

Permezz ta' dan il-mużikal, l-awtur ma xtaqx li jippreżentalna din il-ġrajja bħallikieku l-udjenza qed tara xi film jew kwalunkwe storja oħra mingħajr ma tħalli xi tip ta' effett fuq ħajjitna. Fattur interessanti li jiddistingwi dan ir-rakkont tal-Passjoni ta' Kristu *b'differenza* minn oħrajn "ordinarji" jew "tradizzjonali" huwa, ngħidu aħna, is-sehem ta' l-udjenza fil-produzzjoni, u kif din – li qed tirrappreżenta s-soċjetà in ġenerali – tħares lejn Kristu Msallab u minn għandu tippretendi tweġiba għall-problemi li l-bniedem jiltaqa' magħhom fil-ħajja ta' kuljum. Il-mużikal jeħodha bil-qawwa kollha kontra l-inġustizzja u l-ipokresija, dawn ta' l-aħħar irrappreżentati mill-qassisin il-kbar u l-Fariżej li riedu jagħmlu minn kollox biex jeħilsu minn Kristu għax kien jirritahom, jikxfilhom għawarhom u jheddilhom il-pożizzjoni tagħhom. Kien minn għalihom li Alla jfisser liġi biss, u saħansitra ħallsu l-flus biex ikunu jistgħu jixlu lil Ġesù quddiem l-awtorità ta' l-Imperu Ruman, fil-persuna ta' Ponzju Pilatu. Ilkoll nafu li meta Pilatu ma sab xejn ħażin f'Ġesù, il-qassisin il-kbar heddewh li jirrappurtawh lil Ċesri. Għalhekk, biex ma jidhirx ikrah mas-superjur tiegħu, Pilatu għażel li jkun inġust u jaħsel idejh.

Karattru prominenti fil-mużikal huwa Hosegħa li kien sajjied sempliċi, medhi fix-xogħol. L-inġustizzja u l-ipokresija qatt ma kienu ħbieb tiegħu u kien jeħodha bil-qawwa kollha kontra tagħhom. Għall-bidu ninnutaw li ma kienx xi segwaċi ta' Kristu, madankollu qatt ma ta eżempju ħażin lil bintu, iċ-ċkejkna Sarah. Meta sar jaf lil Kristu u fehem tabilħaqq min hu, refa' salibu u mexa warajh. L-istess Hosegħa, meta sab ruħu daru mal-ħajt wara l-qtil ta' bintu, dar lejn Kristu Msallab u minn għandu ppretenda tweġiba. Lilu staqsa: "Għaliex jien?". B'kuntrast mal-kunċetti ta' l-inġustizzja, l-ipokresija, il-korruzzjoni, l-arroganza, u l-indifferenza, fil-mużikal jiġu ttrattati wkoll valuri bħalma huma s-sinċerità, ir-responsabbiltà, ir-rispett u l-imħabba. F'din it-taqbida bejn il-forzi tat-tajjeb u tal-ħażin, l-udjenza setgħet issegwi wkoll ċerti sitwazzjonijiet li realment iseħħu fid-dinja tal-lum.

Il-karattri prinċipali ta' Hosegħa u Marija (omm Ġesù) ġew interpretati mill-kantanti lokali Mark Tonna u Georgina, rispettivament, filwaqt li l-parti ta' Ġesù ġiet interpretata minn Oliver Farrugia. Iżda flimkien ma' dawn, il-protagonisti ta' din il-produzzjoni huma dawk kollha li ffurmaw kast ta' mhux inqas minn mija u ħamsin persuna li ħadmu id f'id mill-bidu sa l-aħħar mad-diretturi Joe Chircop u Mario Tabone, assistiti minn Antonella Zammit. Il-koreografija ġiet fdata f'idejn iż-żeffiena tas-*Centre Stage Dance Academy* taħt id-direzzjoni ta' Natalie Sciortino.

Dan kollu ġie ppreżentat quddiem tliet udjenzi differenti. Wara xhur sħaħ ta' preparazzjoni, il-mużikal ittella' għall-ewwel darba nhar il-Ġimgħa 1 ta' April, fil-għodu, f'sala ppakkjata bi studenti ġejjin mill-erba' skejjel sekondarji li għandna f'Għawdex. L-għada s-Sibt 2 ta' April, kif kien ilu mħabbar, ittellgħet din il-produzzjoni għall-udjenza ġenerali li litteralment ħanqet it-teatru, tant li jumejn biss wara kellha titħabbar ripetizzjoni tal-mużikal fuq talba ġenerali mill-pubbliku. Din ittellgħet eżattament fil-bidu tal-Ġimgħa Mqaddsa, il-Ħadd 17 ta' April, wara nofs in-nhar.

Il-kummenti li għaddew minn għala widnejn it-tim tal-produzzjoni kienu xi ħaġa ta' l-għaġeb: Kollox kien f'sintonija... id-drama, il-mużika, il-kant, iż-żfin, ix-xenarju, id-dwal, il-kostumi... Ma kinux ftit il-persuni li kienu preżenti u wara marru jifirħu lil kull min kien involut filwaqt li ddeskrivew il-mużikal mhux biss bħala spettaklu kulturali u teatrali mill-aqwa imma wkoll bħala espressjoni ta' katekeżi mill-aktar profonda.

Jekk il-Bambin irid, *alla prossima*!



# XOGĦLIJIET TA' MANUTENZJONI FIL-BAŻILIKA

**Hu pjaċir ta' din ir-rivista li żżomm il-parruċċani kollha aġġornati fuq xogħol ta' manutenzjoni li minn żmien għal żmien ikun għaddej fl-istruttura tal-bażilika tagħna. Kull binja għandha bżonn min jieħu ħsiebha, speċjalment meta din tkun tmur lura sew fis-snin u l-użu tagħha jirrendiha iżjed vulnerabbli għall-marka tax-xjuħija.**

**Manutenzjoni tal-bjut u l-ħitan**

Fl-ewwel xhur tas-sena 2011 sar ħafna xogħol ta' tikħil u tibjid kemm fuq il-bejt tal-bażilika u kemm fuq dak taċ-ċentru u d-dar parrokkjali, biex jiżgura li l-elementi naturali, speċjalment dawk tax-xita, ma jagħmlux ħsara fuq il-binja. Irriżulta wkoll minn kull darba li għamlet xi maltempata qawwija tax-xita, li kien qed jidħol l-ilma minn xi xquq kemm fil-bejt u kemm fil-ħitan ta' barra tal-ġnub tal-bażilika. Barra minn hekk, l-akkumulazzjoni ta' umdità f'ċerti partijiet tal-knisja qed tagħmel ħafna ħsara; dan deher l-iżjed evidenti fuq in-naħa tan-niċċa tal-Madonna ta' Lourdes, li wkoll ġarrbet xi ħsarat żgħar. Għalhekk hawn sar xi xogħol ta' tikħil, speċjalment fuq il-ħajt li jmiss mal-Kappellun ta' San Lazzru, dak li minn barra jagħti għal fuq Triq San Ġorġ. Fl-aħħar nett, fi żmien qasir mistenni jibda xogħol iktar intensiv fuq il-koppla, li minħabba l-espożizzjoni kontinwa tagħha għall-elementi tan-natura, hi fi bżonn kbir ta' restawr. Fil-fatt diġà ntramat parti mill-*iscaffolding* meħtieġ, inġabu l-permessi ta' l-Awtorità Maltija ta' l-Ippjanar, u l-periti esperti tagħna qed jagħmlu l-konsultazzjonijiet tagħhom.

**In-niċċa l-qadima ta' San Ġorġ**

Ftit huma dawk li għadhom jiftakru meta l-istatwa titulari ta' San Ġorġ kienet tinżamm f'niċċa oħra, differenti minn dik li fiha tinsab il-lum. Din in-niċċa, imdaħħla fil-ħajt, il-lum il-ġurnata hi mgħottija b'niċċa iżgħar ta' l-injam li fiha tinżamm l-istatwa ta' Sant'Antnin ta' Padova, fuq ix-xellug ta' l-Altar ta' l-Erwieħ. Waqt xogħlijiet fuq is-sistema ta' l-illuminazzjoni li kienu għaddejjin fl-aħħar xhur fil-bażilika, inqalgħet in-niċċa ta' Sant'Antnin biex jingħadda xi dawl minn warajha, u hemm tfaċċat in-niċċa l-qadima li fiha kienet tinżamm l-istatwa ta' San Ġorġ, ta' l-inqas sa żmien it-Tieni Gwerra Dinjija, meta fuq l-inizjattiva ta' Mons. Franġisk Portelli u ħuh Ġużeppi (Taz-Zopp), il-knisja tkabbret bin-navi u allura San Ġorġ sab postu f'niċċa iktar spazjuża u dekoruża f'dik li sa ftit snin ilu konna nsejħulha l-Kappella tas-Santissmu Kurċifiss. In-niċċa l-qadima, wisq ogħla minn dik li l-lum tgħatti d-daħla tagħha, kellha speċi ta' arzella ċkejkna li jidher li kienet għadha miżbugħa bil-kulur oriġinali tagħha. Id-direzzjoni tagħha kienet kemmxejn iktar imġennba, billi qabel l-1945 iż-żewġ kappelluni laterali kienu kwadrati u mhux semi-ċirkulari kif inhuma l-lum. Ix-xogħol ta' alterazzjoni fl-istruttura tagħhom kien sar kollu mill-aħwa Portelli, flimkien mal-bini ta' tmien kappelluni ġodda fin-navi u t-tlestija tal-koppla. Din in-niċċa qadima nsabet mimlija b'imbarazz u xi oġġetti żgħar ta' valur, u fil-fatt ġiet imnaddfa u miksija b'madum ġdid. Waqt l-istess proċess, inqalgħu tlieta mill-erba' kwadri Marjani ta' Gian Battista Conti li jinsabu fiż-żewġ













kappelluni ta' San Lazzru u ta' l-Erwieħ, biex tnaddfet l-umdità ta' taħthom u l-ħajt ingħata żebgħa protettiva.

**Titlesta l-illuminazzjoni tal-bażilika**

Kulħadd jiftakar l-inawgurazzjoni tas-sistema ġdida ta' l-illuminazzjoni tal-bażilika tagħna, fid-29 ta' Ġunju 2007, fuq disinni tat-Taljan Stefano dall'Osso. Imma ftit japprezzaw li għalkemm id-dwal ilhom żmien f'posthom, kien fadal ħafna xi jsir biex tiġi aġġornata s-sistema ta' l-elettriku, il-wajers li jgħaddu minn ġol-ħitan, u, fl-aħħar iżda mhux l-inqas, issir *switch-board* ġdida u moderna biex minnha jiġi kkontrollat id-dawl kollu. Kif qed naraw, dan ix-xogħol karkar ftit mhux ħażin u ħa kważi erba' snin biex ġie ffinalizzat. Kien għalhekk li fl-aħħar xhur kull min daħal fil-bażilika osserva ħidma teknika intensiva għaddejja fuq it-tiġdid tas-sistema tal-*wiring* fil-bażilika, xogħol li sar minn George Schembri u l-ħaddiema tiegħu skond id-disinn ta' Dall'Osso għall-illuminazzjoni ġdida tal-bażilika. Il-proċess biex inbidlu ċerti wajers – li wħud minnhom kienu għadhom taċ-ċaruta! – u tħaffru kanali ġodda fl-imramma ta' wara l-irħam għal *cables* ġodda, ma kienx wieħed faċli u kien jitlob ħafna attenzjoni biex ma ssirx ħsara lill-istruttura. George ra wkoll li s-sistema tkun tipprovdi kollox ħalli jkun iktar faċli li fil-futur jiżdiedu faċilitajiet oħrajn, bħal, ngħidu aħna, fl-eventwalità li ssir sistema ġdida tas-*sound*. Twaħħlu wkoll dwal ġodda mat-twieqi ta' l-*istained glass* tal-korsija u n-navi, li jirrendu d-dehra tagħhom sabiħa ferm meta jinxtegħlu bil-lejl. L-*iswitch-board* il-ġdida, li fuqha George kien ilu jaħdem snin, tqiegħdet f'postha fil-"kamra tas-sagristani" maġenb is-sagristija fit-tielet ġimgħa ta' Marzu 2011, ġo kaxxa pulita ta' l-aluminju li tinqafel. Il-vantaġġi ta' l-*iswitch-board* il-ġdida, li jirrendu l-kontroll tad-dawl fil-bażilika wisq aktar effiċjenti, huma ħafna: is-swiċċijiet tad-dwal kollha flimkien ma' bozza ċkejkna ma' kull wieħed huma mqassma fuq speċi ta' mappa dettaljata tal-bażilika, biex wieħed isibha iżjed faċli li jixgħel u jitfi dawk id-dwal li jkollu bżonn. Barra minn hekk fiha ssettjati xi *presets* li jippermettu li b'daqqa ta' swiċċ wieħed jixgħel grupp ta' dwal fil-bażilika skond l-okkażjoni li tkun... ngħidu aħna konċelebrazzjoni, funeral, Magħmudija jew sempliċi kunċert... Fadal iżjed xogħol xi jsir, u hu mistenni li anki l-*amplifier* li minnu jiġi kkontrollat is-*sound*, u li s'issa kien jinsab taħt mejdina qrib l-altar maġġur, jiġi ttrasferit qrib is-*switch-board* ukoll biex kollox ikun miġbur f'post wieħed.

**Għalkemm il-Bażilika ta' San Ġorġ issa ilha żmien sew ma tniedi xi kampanja speċjali ta' ġbir b'riżq xi proġett, dan ma jfissirx li mhux dejjem tibqa' l-ħtieġa ta' benefatturi li jgħinu biex tinżamm il-manutenzjoni tagħha. Għalhekk nitolbukom tkunu ġenerużi kull darba li ssir xi ġabra b'riżq il-knisja tagħna.**

# 'Tina l-Ħlewwa ta' l-ilsna tas-Sema...



Nhar il-Ħamis 28 ta' April 2011, il-Kor tal-Bażilika ta' San Ġorġ *Laudate Pueri* ġie mistieden isebbaħ waħda mill-aktar okkażjonijiet prestiġjużi li ħa tibqa' mfakkra fl-istorja ta' ġensna. Biex ifakkar il-ħamsin sena mill-mewt tal-poeta nazzjonali Dun Karm Psaila (1871-1961), l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, bil-kollaborazzjoni ta' l-Akkademja tal-Malti, ħa l-inizjattiva li jtella' kunċert kommemorattiv fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. L-isem li ntgħażel hu *Tina l-Ħlewwa*, ispirat mill-ewwel kelmtejn ta' innu Ewkaristiku ta' Dun Karm.

Il-Kor *Laudate Pueri*, taħt id-direzzjoni tal-Kan. George J. Frendo, ġie mistieden mill-organizzaturi biex ikun hu li jesegwixxi għażla ta' tmien innijiet reliġjużi ta' Dun Karm f'din is-serata kommemorattiva, li rat lil San Ġwann ippakkjat b'mistednin distinti mill-oqsma kemm ċivili u kemm ekkleżjastiċi, taħt il-patroċinju tal-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi. Il-lejla, ippreżentata minn Denise Mintoff, inkludiet ukoll diskors ta' l-okkażjoni mill-Professur Oliver Friggieri, l-editur ta' l-antoloġiji tal-poeżiji ta' Dun Karm bil-Malti u bit-Taljan, u qari ta' siltiet mill-poeżija *Il-Jien u Lil Hinn Minnu* minn Alfred Mallia. Il-Kor, kif kien mistenni, ta wirja eċċellenti u dewwaq lill-miġemgħa l-ġmiel u l-profondità ta' dawn l-innijiet reliġjużi ta' Dun Karm, aktar u aktar meta jitkantaw b'ħila mużikali u korali bħal dik.

Fil-kunċert mhux biss tkantaw innijiet reliġjużi ta' Dun Karm, fil-parti l-kbira tagħhom immużikati minn Mro Giuseppe Caruana (1880-1931) u b'arranġament għall-kor *a quattro voci* mill-Professur Joseph Vella, imma żżanżnet il-mużika ġdida li l-Professur Vella ġie kkummissjonat jikteb għall-*Innu ta' Ferħ* fl-okkażjoni ta' dan il-kunċert. Fi tmiem il-kunċert, il-Prim Ministru ltaqa' mal-membri tal-kor fis-sagristija ta' San Ġwann, fejn irringrazzjahom talli paxxew lill-udjenza bl-ilħna sbieħ tagħhom.

L-Uffiċċju tal-Prim Ministru kkummissjona wkoll lill-Kor *Laudate Pueri* r-rikording ta' CD bi ħdax-il innu reliġjuż bil-Malti kollha miktuba minn Dun Karm, li ġie mniedi fl-okkażjoni ta' dan il-kunċert. Ir-rikording sar kollu taħt id-direzzjoni tal-Prof. Joseph Vella fil-Bażilika ta' San Ġorġ, minn *PRO Studios* (Ta' Sannat) **(ara r-ritratt tax-xellug)**. Kopji ta' dan is-CD, li wkoll iġib l-isem *Tina l-Ħlewwa*, issa jistgħu jinxtraw mill-Uffiċċju tad-Dipartiment ta' l-Informazzjoni, kemm f'Malta u kemm f'Għawdex.

Ir-rabta tal-kor tagħna ma' l-innijiet ta' Dun Karm tmur lura lejn l-1986, meta kien ġie mitlub jieħu sehem f'akkademja mużiko-letterarja li nżammet fil-Katidral ta' l-Imdina fit-18 ta' Ottubru biex tfakkar il-ħamsa u għoxrin anniversarju mill-mewt ta' Dun Karm. Il-Prof. Joseph Vella kien intalab jagħmel arranġamenti *a quattro voci* ta' xi innijiet għal kor femminili. Minn dak in-nhar, kull fejn il-kor semma' leħnu barra minn xtutna, minn New York sa Agrigento, dejjem ġew inklużi wieħed jew iżjed mill-innijiet ta' Dun Karm.

Il-kunċert tat-28 ta' April ġie rrekordjat mill-istazzjon nazzjonali Malti *TVM* biex jixxandar fuq it-televiżjoni iktar tard. Diġà qrajna bosta kummenti pożittivi fuq dan il-kunċert fl-istampa lokali. *Il-Belt Victoria* qed iġġib dawn il-kummenti sbieħ tal-Prof. Oliver Friggieri: "Il-lejla *Tina l-Ħlewwa* li saret fil-Konkatidral ta' San Ġwann f'ġieħ Dun Karm kienet okkażjoni li tibqa' miftakra għal żmien twil. Il-Kor *Laudate Pueri*, immexxi mill-Kan. George J. Frendo, kien fl-aqwa tiegħu, f'livell ta' l-ogħla klassi, denn ta' kull belt Ewropea fejn ħafna minna semgħu kunċerti simili f'katidrali prominenti. Kienet lejla ta' l-ogħla livell, li l-udjenza kbira setgħet tapprezza. Ir-rappreżentazzjoni kollha kienet ikkaratterizzata minn sens qawwi ta' qima, rispett, devozzjoni, u sens ta' sottomissjoni reliġjuża. Naħseb li l-udjenza reliġjuża apprezzat kull minuta ta' din il-lejla tassew memorabbli fejn id-direzzjoni matura u elokwenti tal-Kan. George J. Frendo, imseddqa mill-vuċi sublimi ta' Dr Maria Frendo u oħrajn, offrew okkażjoni serja u tassew konvinċenti li għamlet unur kemm lill-Kor *Laudate Pueri* u kemm lil kull min ħa sehem f'din il-kommemorazzjoni nazzjonali, li tassew jixirqilha li tkun apprezzata fil-livell tar-radju







u tat-televiżjoni nazzjonali. Nifraħ tassew lil kull min kellu sehem f'lejla li kienet ta' l-ogħla livell, li mhux biss fakkret b'mod sublimi għeluq il-ħamsin sena mill-mewt tal-poeta nazzjonali, iżda reġgħet uriet liema livell għoli hu milħuq mill-artisti Maltin. Prosit tassew lill-Kan. George J. Frendo, lil Dr Maria Frendo, u lis-solisti u lill-membri kollha tal-Kor *Laudate Pueri*, li reġgħu taw xhieda ta' kif minn gżira tant ċkejkna jista' joħroġ livell tant u tant professjonali u għoli. Prosit tassew!".

# Rejiet bl-isem ta' Ġorġ (2)

Dun Geoffrey G. Attard

## Ir-Re Ġorġ II tal-Greċja



Ġorġ II tal-Greċja twieled nhar l-20 ta' Lulju 1890, fil-palazz irjali ta' Tatoi f'Ateni, l-iben il-kbir ta' Constantine I, Re ta' l-Elleniċi, u martu l-Prinċipessa Sophia tal-Prussja. Hu kien il-pro-neputi tar-Reġina Victoria ta' l-Ingilterra u tar-Re Christian IX tad-Danimarka, kif ukoll in-neputi tar-Re Ġorġ I ta' l-Elleniċi. Meta kellu biss tmintax-il sena daħal fl-armata u ħa sehem fl-Ewwel Gwerra tal-Balkani. Meta nannuh kien assassinat fl-1913, huwa sar *diadochos* jew prinċep eredi għat-tron kif ukoll Duka ta' Sparta. Fl-1917 huwa mar fl-eżilju flimkien ma' missieru, u ħuh Alexander intgħażel bħala re. Meta Alexander miet fl-1920, riżultat ta' gidma ta' xadina, il-Prim Ministru Eleftherios Venizelos, li kien Repubblikan, tneħħa mis-setgħa u l-plebixxit reġa' għajjat lir-Re Constantine lura fuq it-tron. Hu żżewweġ il-kuġina tiegħu l-Prinċipessa Elizabeth tar-Rumanija f'Bucharest fl-1921. Meta t-Torok rebħu lill-Griegi fil-Battalja ta' Dumlupmar, il-qawwiet militari sfurzaw lil Constantine biex jabdika u laħaq floku ibnu, bl-isem ta' Ġorġ II, nhar is-27 ta' Settembru 1922. F'dan il-perjodu kien hemm bosta nkwiet fil-Greċja, hekk li fl-1923 kellu jħalli l-pajjiż flimkien ma' martu. Ir-Repubblika kienet ipproklamata nhar il-25 ta' Marzu 1924. Fl-1935 kien hemm ritorn qasir għall-monarkija. Sadattant tela' fis-setgħa Ioannis Metaxas, li sar dittatur tal-pajjiż. Meta l-Ġermaniżi invadew l-Albanija fl-1941 kien jidher ċar li l-Greċja ma kellhiex futur, u għalhek nhar il-23 ta' April ta' dik is-sena r-Re Ġorġ flimkien mal-gvern tiegħu telqu lejn Kreta u wara sfaw evakwati fl-Eġittu. Minn hemm kellu jaħrab lejn il-Gran Brittanja minħabba li l-gvern tar-Re Faruk ta' l-Eġittu kien pro-Taljan u allura kontra tiegħu. Kien biss wara l-elezzjonijiet tal-31 ta' Marzu 1946 li l-partiti li kienu favur il-monarkija rebħu l-maġġoranza fil-parlament. Madankollu dan wassal għal ħafna nkwiet u għalhekk fl-1 ta' Settembru sar referendum rigward il-ġejjieni tal-monarkija. Ir-Re Ġorġ miet nhar l-1 ta' April 1947, fl-età ta' 56 sena. Il-funeral tiegħu sar fil-Katidral Grieg Ortodoss tat-Tħabbira ta' l-Anġlu lil Marija, f'Ateni, nhar is-6 ta' April. Laħaq warajh ħuh Paul minħabba li hu ma kellux ulied. Jingħad li minħabba l-esperjenza kontinwa ta' l-eżilji li għadda minnhom, darba kkummenta li "l-aktar għodda importanti għal Re tal-Greċja hija li jkollu bagalja dejjem lesta". Fost l-unuri li ngħata f'ħajtu ta' min isemmi l-*Gran Croce* tar-*Royal Victorian Order* mogħti lilu fl-1909 u n-*Norwegian War Cross* li ngħatalu fl-1941.

# Inti biss...

Ġorġ Caruana

O Mulej, kemm fittixt u ma sibtx;
fittixt hena li jserraħ 'il-qlub
u fittixtu fil-għana, fil-ġid.
Fik biss sibtu, o Kristu mislub.

Jien fittixtu f'xalar u tbaħrid
u fil-ħwienet sa tard fil-għaxija,
u fittixtu fid-dinja tal-ħolm,
fit-tlellix, fit-taparsi sbuħija.

Meta 'l ommi, 'l missieri kont tlift,
iġġerrejt sabiex forsi nistabar;
jibqgħu f'qalbi sakemm ruħi rrodd,
sakemm magħhom ningħaqad ġol-qabar.

Fittixt l-hena fin-niket ta' ħajti,
f'baħar qawwi bil-mewġ tad-dulur,
u fittixtu fi ħbieb ta' biċ-ċajt;
kont bla sabar immur fejn immur.

Fittixt l-hena f'deżert u fil-baħħ,
u fittixtu fid-dwejjaq, fil-mard,
u fittixtu fl-għelieqi, fil-ħdura,
u fil-ġonna miżgħuda bil-ward.

Hemm sibt biss xi ftit duwa tal-ġisem,
l-arja bnina li ttuq u li tfejjaq,
bħal seħħan, dak tal-ġisem li jmur,
mhux tal-qalb, dak li jserraħ mid-dwejjaq.

Jien fik biss sibt il-faraġ, Mulej;
fuq altarek, Ġesù Kurċifiss,
fejn int tgħammar 'il ġew fil-kappella,
int erfajtni, Mulej, mill-abbiss.

X'ħin narak, o Ġesù Kurċifiss,
u niftakar kemm drabi, ilu snin,
jien bil-galbu min-niċċa niżżiltek
u niftakar li jien f'dak il-ħin

stajt għotort, stajt tfixkilt u waqajt
u xi ħsara li int stajt ġarrabt,
inħoss għafsa u piż fuq il-qalb;
imma l-lum dal-ħsieb ikrah warrabt.

Għax jien naf meta lilek rassejt
u ma' sidri ħaddant, Kurċifiss,
int kont tiegħi għajnuna mis-Sema;
b'hekk nistabar, Ġesù, u b'hekk biss.

"Ħuduhulu bil-mod minn kull naħa",
Ġanni Galea kien jgħid, tant maħbub;
Ġesù jgħinu u j'tih il-mistrieħ
għax tant ħabbu lil Kristu Mislub.

Din il-grazzja nitolbok il-lum:
xbieha tiegħek, Ġesù Kurċifiss,
tkun fuq sidri x'ħin jasal it-tmiem,
għaliex lilek inħobb, lilek biss.

# Donazzjonijiet lill-Bażilika

Għandna għax nirringrazzjaw lil Alla li qatt ma jonqsu benefatturi ta' kull xorta li ħsiebhom kif sa jsebbħu t-tempju monumentali tal-Bażilika ta' San Ġorġ. Dan isir mhux biss b'għotjiet ta' flus, li huma tant meħtieġa, imma anki b'donazzjonijiet ta' oġġetti oħra biex jiżdiedu mal-kollezzjoni tat-teżori ta' l-istess bażilika. Fl-aħħar xhur saru numru ta' għotjiet ta' din ix-xorta minn benefatturi diversi.

### Paramenti u oġġetti sagri tal-Kan. Ġużeppi Borg Bugeja



F'Ottubru li għadda, il-familjari tal-mibki Kan. Ġużeppi Borg Bugeja, li ħalliena fit-28 ta' April 2010, għaddew lill-bażilika pjaneta u stola bojod illamtati bir-rakkmu tad-deheb, kif ukoll kalċi u patena tal-fidda bbanjati fid-deheb, kollha propjetà ta' Dun Ġużepp.

### Żewġ mitri ta' isqfijiet ta' Ġibiltà

Bl-inizjattiva ta' Mons. Coronato Grima ġew irregalati lill-Bażilika tagħna żewġ mitri ta' l-aħħar żewġ isqfijiet ta' Ġibiltà, l-E.T. Mons. Bernard Patrick Devlin u l-E.T. Mons. Charles Caruana. L-Isqof Devlin żar il-bażilika tagħna tliet darbiet; l-aħħar żjara tiegħu kienet fl-1999. L-Isqof Caruana kien għamel pontifikal mal-kapitlu u l-kleru fil-5 ta' Settembru 1999, meta kien ġie biex ħa sehem fil-festi speċjali li kienu saru fix-Xagħra f'għieħ it-Twelid tal-Verġni Mbierka Marija. Mons. Caruana, li kien ta' nisel Malti, miet fl-1 ta' Ottubru 2010, fl-età ta' 78 sena, filwaqt li Mons. Devlin miet fil-15 ta' Diċembru 2010, fl-eta ta' 89 sena. Mons. Grima, li serva lill-Knisja f'Ġibiltà bħala kappillan u kanċillier għal iktar minn 34 sena, għadda dawn iż-żewġ mitri lil Mons. Arċipriet Pawlu Cardona fi Frar li għadda. Dun Koronat, li issa jinsab lura residenti f'Għawdex, sewwa sew fid-dar tal-familja tiegħu fi Triq il-Karità, għadda wkoll lill-bażilika statwa mdaqqsa tal-kartapesta tal-Qalb ta' Ġesù li tqiegħdet għall-qima fuq l-altar ta' Santa Katerina.



### Oġġetti ta' l-Isqof Nikol Ġużeppi Cauchi

Diġà semmejna band'oħra li, wara l-mewt ta' l-Isqof Nikol Ġ. Cauchi, fundatur u dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana, il-familjari tiegħu għaddew lill-Bażilika ta' San Ġorġ numru ta' oġġetti, xi wħud fosthom li kienu ġew irregalati lilu mill-parroċċa tagħna tul l-episkopat tiegħu. Dawn ġew ukoll esebiti fil-wirja kommemorattiva li saret f'ġieħu f'Marzu li għadda. L-oġġetti huma: [i] kalċi u patena tad-deheb li kienu ġew irregalati lilu mill-Kapitlu Ġorġjani bħala apprezzament għat-twaqqif tal-Kolleġġjata Urbana f'Lulju 1976; [ii] suttana u pellegrina

suwed iffillettati, bil-faxxa ta' lewn ħamrani; [iii] salib pettorali li kien ġie rregalat lill-Isqof Cauchi mill-Arċipriet Mons. Emmanuele Mercieca u li jingħad li kien ta' Mons. Giuseppe Farrugia (1852-1925), Dekan tal-Kapitlu Katidrali u Vigarju Ġenerali ta' Għawdex.








...jaqbad minn pagna 3

# Beatu Ġwanni Pawlu II, itlob għalina...

Kristu, li "meta sar bniedem, ingħaqad b'xi mod ma' kull bniedem" (*Gaudium et spes*, 22), u jekk "fil-misteru tal-Verb li sar bniedem jiddawwal il-misteru tal-bniedem", allura Kristu biss jaf x'hemm fil-qalb ta' kull persuna.[12]

Fl-enċiklika tiegħu *Dives in misericordia*, propju fil-bidu tagħha, jurina r-rispett u l-qima li kellu lejn kull individwu, meta qal "li l-manifestazzjoni tal-bniedem, fil-milja tad-dinjità tan-natura tiegħu, ma tistax titwettaq mingħajr ma jkun hemm riferiment – u dan mhux biss kunċettwali, iżda, integralment eżistenzjali – għal Alla. Il-bniedem u l-vokazzjoni suprema tiegħu jinkixfu fi Kristu permezz tar-rivelazzjoni tal-misteru tal-Missier u ta' l-imħabba tiegħu".[13] Din it-tieni enċiklika żviluppat aktar u aħjar l-ewwel waħda, u tat l-orjentament sħiħ tal-pontifikat tiegħu: "Aktar ma l-missjoni mwettqa mill-Knisja tikkonċentra ruħha fuq il-bniedem, aktar ma tkun antropoċentrika, tant aktar għandha tiġi kkonfermata u attwalizzata teoċentrikament, jiġifieri torjenta ruħha f'Ġesù Kristu lejn il-Missier. Filwaqt li l-linji tal-ħsieb uman kemm fil-passat u kemm fil-preżent kienu u għadhom jipprovaw jaqsmu u jopponu kontra xulxin it-teoċentriżmu u l-antopoċentriżmu, il-Knisja min-naħa tagħha, filwaqt li timxi wara Kristu, tfittex li torbothom fl-istorja tal-bniedem b'mod organiku u profond".[14] Li timxi fuq din il-linja, skond il-ħsieb ta' Ġwanni Pawlu II, kien ifisser li wieħed jimxi fuq waħda mil-linji prinċipali, jekk mhux il-linja prinċipali, tal-Konċilju Vatikan II.[15] Mhux għalxejn il-Papa Benedittu XVI, fl-omelija tal-beatifikazzjoni, għamel sejħa għall-Konċilju – esperjenza li ħa sehem fiha Karol Wojtyła mill-ewwel sa l-aħħar jum – u laqqa' flimkien is-sinifikat taċ-ċelebrazzjoni tal-beatifikazzjoni mal-kliem tal-bidu tal-pontifikat tiegħu: "La tibżgħux! Iftħu, anzi, *iftħu beraħ* il-bibien għal Kristu". Daqs li kieku l-Konċilju jiġi spjegat u miġbur f'dawn il-kelmiet ta' Ġwanni Pawlu II. U din kienet "il-kawża kbira immens" li għaliha ddedika l-pontifikat kollu tiegħu, kif hu nnifsu stqarr fit-testment li ħalla warajh, u radd ħajr lir-Ragħaj Etern talli ħallieh jaqdi din il-missjoni".

Il-Papa Benedittu XVI ħa f'idejh dan il-wirt ta' Ġwanni Pawlu II u baqa' miexi fuq l-istess linja ta' impenn, marbut mat-tagħlim tal-Konċilju.

Nistħajlu jistqarr li dan kollu messu fil-profond ta' qalbu u ta' ruħu, u ġie involut, kif ukoll il-poplu ta' Alla ġie involut, meta kien imħeġġeġ minn Karol Wojtyła biex jipprepara ruħu ħalli jgħaddi għall-millenju l-ġdid, daqs li kieku realment sa "naqsmu l-għatba tat-tama" issa.

**"La tibżax!"**

Ilkoll niftakru, b'emozzjoni kbira, ir-rabta spiritwali intensa u ta' ħbiberija li kienet tgħaddi bejn Ġwanni Pawli II u dak li fil-providenza kellu jkun is-suċċessur tiegħu. L-għada ta' l-elezzjoni tiegħu, Benedittu XVI qal quddiem il-Kulleġġ tal-Kardinali miġbura fil-*Cappella Sistina*: "Qisni qed inħoss l-id qawwija ta' Ġwanni Pawlu II tagħfas lil tiegħi, donni qed nara għajnejh jitbissmu u nisma' l-kliem tiegħu, indirizzat lili f'dan il-mument partikulari: 'La tibżax!'".[16]

**L-ewwel devot**

Fl-1 ta' Mejju 2011, Benedittu XVI mar lil hinn... Qisu li aktar ma jgħaddi ż-żmien, flok ma jnaqqas is-sentimenti tiegħu lejn Ġwanni Pawlu II, qed isaħħaħhom aktar. Għamel ġest ta' inkin – qisu ried jinżel mal-poplu Kristjan preżenti fil-pjazza tal-Vatikan, f'Ruma u fid-dinja kollha, hu, li messitu x-xorti li jkun Pietru, meta għalaq l-omelija tiegħu, u qal spontanjament mill-qiegħ ta' qalbu: "Missier qaddis, berikna". Hija xi ħaġa ferm aktar mis-sempliċi kontinwità: għandu ammirazzjoni spiritwali li ma tintemmx u li ssir lezzjoni ta' stil ta' ħajja, ta' umiltà u ruħ nadifa u mdawla, u li jeħtieġ li nitgħallmu minnu u nfasslu ħajjitna fuqu.

L-istess Mons. Georg Gänswein, segretarju privat tiegħu, waqt dikors li għamel f'Capri f'Settembru 2010, stqarr pubblikament li l-Papa Ratzinger "ippreżenta ruħu lid-dinja bħala l-ewwel devot tal-predeċessur tiegħu", kif fil-fatt iħoss fil-profond ta' qalbu. Ilkoll kemm aħna li konna preżenti ġo Pjazza San Pietru ħassejnieh dan.

Hekk ngħidlu lill-Papa Benedittu XVI, b'vuċi sottili, f'ismi u f'isimkom ilkoll, qarrejja, filwaqt li nuruh l-ammirazzjoni spiritwali tagħna: grazzi mill-qalb, Santità, għall-beatifikazzjoni ta' Ġwanni Pawlu II.

Beatu Ġwanni Pawlu II, itlob għalina u għall-familji tagħna.

**Biblijografija**


[1] *Omelija tal-Quddiesa tat-Tberik taż-Żjut*, 21 ta' April 2011.
[2] 13 ta' April 2011.
[3] Benedittu XVI, *Diskors*, Venezja, 8 ta' Mejju 2011.
[4] *Udjenza Ġenerali*, 20 ta' April 2011.
[5] *Udjenza Ġenerali*, 27 ta' April 2011.
[6] Benedittu XVI, *Lectio divina*, 10 ta' Marzu 2011.
[7] Benedittu XVI, *Omelija tal-Beatifikazzjoni*, 1 ta' Mejju 2011.
[8] Benedittu XVI, *Omelija*, 1 ta' Mejju 2011.
[9] Ara Benedittu XVI, *Udjenza Ġenerali*, 13 ta' April 2011.
[10] Benedittu XVI, *Omelija*, 1 ta' Mejju 2011.
[11] Il-kelma Griega *άγορά* tfisser "spazju pubbliku, pjazza prinċipali u ċentru reliġjuż tal-belt, bi preżenza ta' bini maħsub għal użu politiku u ċivili, tempji u monumenti pubbliċi", bħalma hu t-Tokk għalina l-Għawdxin.
[12] Ara Ġwanni Pawlu II, *Omelija*, 22 ta' Ottubru 1978.
[13] Ġwanni Pawlu II, *Dives in misericordia*, 30 ta' Novembru 1980, n. 1.
[14] Ara ibid.
[15] Ibid.
[16] Benedittu XVI, *Omelija lill-Kulleġġ tal-Kardinali*, 20 ta' April 2005.

## Mużew tagħna - Mużew għal kulħadd
12
LEJN TWETTIQ TA' ĦOLMA

*Antoine Vassallo*
vasanti@maltanet.net

# Irfid għall-infiq

Il-lum xtaqt nikteb ftit fuq tliet okkażjonijiet li seħħew f'inqas minn xahar: waħda li tista' tissejjaħ "tal-folla" u t-tnejn l-oħra marbuta mal-finanzi.

Nibda minn dawn ta' l-aħħar, eżattament minn ittra datata 12 ta' April 2011 mid-Dipartiment għal Eko-Għawdex u Żvilupp Reġjonali tal-Ministeru għal Għawdex biex jinfurmawna li ntlaqgħet il-proposta tal-Fondazzjoni fl-iskema ta' assistenza finanzjarja għal organizzazzjonijiet non-governattivi lejn it-twettiq tal-miżuri mmirati għall-2010-2012. Din l-għajnuna hi sostanzjali: kofinanzjament ta' 95%! Evidentement hemm diversi kundizzjonijiet; anki l-formola ta' l-applikazzjoni kienet tirrikjedi diversi dettalji. L-isem li tajna kien – peress li użaw l-Ingliż, nassumi minħabba li hawn gruppi volontarji mmexxija minn min m'hux komdu fil-Malti – *"History and Identity Restored and Disseminated"*.

Mela t-tama li nerġgħu naraw l-altar "il-qadim" tista' titwettaq! Il-proġett hu usa' minn hekk: għax, ngħidu aħna, jinkludi pubblikazzjoni; iżda l-essenzjal hu li sa jkollna l-fondi – massimu b'kollox ta' €50,000 – biex isseħħ xewqa li bdiet tixxettel minn malli nqala' biex isir tal-Bażilika ħamsin sena ilu. Darb'oħra nsib spazju biex nidħol iktar fil-fond. Għal-lum insemmi biss il-biża' ("aħseb fil-ħażin biex it-tajjeb ma jonqosx"!) li ma jserviniex il-ħin: sa Novembru jrid ikun tlesta kollox. Dan minkejja li, għalkemm l-ittra kienet ċara li approvazzjoni formali tkun ma' l-iffirmar tal-ftehim, mill-ewwel bdejna bil-preparamenti biex noħorġu s-sejħa ħalli nagħżlu esperti fir-restawr. Mill-puntata li jmiss f'din is-sensiela tibdew allura taraw żieda mas-simboli, peress li eventwalment l-altar ristrutturat sa jkun għall-wiri permanenti fil-mużew u allura l-għajnuna tal-Ministeru għal Għawdex tgħodd li hi għall-proġett sħiħ tagħna.

Imbagħad, mank ġimgħa wara, fit-18 ta' April, il-Kordinatur l-Arċipriet Emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia mar Ta' Qali, fil-*Malta Aviation Museum* (fost il-megħjuna), għat-tqassim taċ-ċekkijiet minn Dr Chris Said fl-iskema ta' kofinanzjament għall-organizzazzjonijiet volontarji mnedija mis-Segretarjat Parlamentari tiegħu. Ilna li ħabbarna li t-talba tagħna kienet intlaqgħet; issa nżid li ma kinitx somma żgħira: qrib il-€15,000... b'wegħda ta' iktar għall-futur!

Imma ovvjament l-iktar okkażjoni li laqtet l-għajn kienet il-Preżentazzjoni tad-Disinn tal-Mużew fis-26 ta' Marzu 2011. Kif tafu, minħabba l-mira li dan iċ-ċentru kulturali tagħna jkun ferm iktar minn sempliċi kmamar mimlija affarijiet, allokajna somma sostanzjali għal dan l-aspett. Kif żgur tiftakru, it-*tender* kienet intrebħet mid-ditta Ingliża *BrightWhite* li – minn meta ffirmajna l-kuntratt fi tmiem l-2010 – kienu f'kuntatt magħna kontinwament biex naslu għall-isbaħ użu possibbli ta' l-ispazji. Bagħtulna abbozzi u proposti bl-email biex aħna stajna nikkummentawlhom u nkomplu nissuġġerixxu. Meta wasalna f'sitwazzjoni li konna lkoll kuntenti, qbilna li jżuruna ħalli nikkonkludu wiċċ imb'wiċċ.

Chris Walker ġie fil-lejl tal-24 ta' Marzu, u wara – peress li ma setgħux iħallu t-tnejn l-uffiċċju – wasal ukoll Adam Stanning; u mill-għada fil-għodu Chris beda x-xogħol, akkumpanjat minn Mons. Farrugia, in-Nutar Pisani u Francesco Pio Attard. Wara li ħeles dokumentar amministrattiv, għadda ftit ħin sewwa l-Librerija tal-Vajringa jqalleb fil-kotba, biex iżid ma' l-informazzjoni li pprovdejnielu u ma' dak li ra fil-mixjiet madwar it-triqat u f'bosta postijiet. Imbagħad bdiet laqgħa twila "teknika" mal-Perit Micallef u l-Inġinier Curmi, flimkien mal-kollega Lucienne Scicluna. X'ħin wasalt jien kienu tista' tgħid ftiehmu fuq l-essenzjal kollu fuq il-pjanti; allura morna nduru bir-reqqa l-binja biex naraw x'hemm bżonn jinbidlilhom. Fil-għaxija kellna laqgħa sħiħa tal-kumitat – jew "Grupp ta' Ħidma" – tagħna miegħu biex ma jaqbżilna xejn li kellu bżonn jiġi ċċarat. Is-Sibt fil-għodu kompla bir-riċerki tiegħu u l-preparazzjoni ta' l-appuntament "il-kbir".



Programm Operazzjonali I – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
*Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar*
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF)
Rata ta' Kofinanzjament: 72.25% Fondi UE; 12.75% Fondi Nazzjonali; 15%NGOs
***Ninvestu fil-futur tagħna***

Fil-fatt, bl-iskop li firxa kemm jista' jkun wiesgħa jkollha l-opportunità li tesprimi l-opinjoni fuq li konna sa nidħlu għalih, organizzajna laqgħa pubblika fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia* fis-26 ta' Marzu. Ikolli ngħid li ppartecipaw ferm iktar milli stajna nimmaġinaw: saħansitra "forna" għas-Sala *San Mikiel*! U onorawna bil-preżenza tagħhom diversi mistednin distinti; fosthom, biex nillimita ruħi għal tlieta biss, l-Aġent President Anton Tabone, il-Ministru Giovanna Debono, u s-Segretarju Parlamentari Chris Said. Sintendi kienu preżenti wkoll qassisin, ibda mill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona, membri mis-Soċjetà *La Stella*, u voluntiera fil-Fondazzjoni u f'San Ġorġ. Għalkemm ma stajniex ma nużawx il-lingwa Ingliża, kienu bosta li kkummentaw, kemm qabel u kemm wara, madwar il-kartellun bl-"immaġni artistika" li tħalla mdendel għall-wiri.

Is-serata kienet tikkonsisti f'żewġ diskorsi: wara introduzzjoni dettaljata tal-kunċett mill-Kordinatur, is-Sur Walker spjegalna ferm tajjeb permezz ta' projezzjoni bil-*powerpoint* l-esperjenza tagħhom u kif żviluppaw l-idea. Kellna wkoll intervent inkuraġġanti ferm miċ-*Chairman* ta' *Heritage Malta*; is-Sur Joe Said kien diġà tana s-sapport tiegħu u issa kompla jħeġġiġna u anki "jfaħħarna"! Wara komplejna wkoll informalment, b'xi tazza f'idejna... ħin li matulu ġbarna iktar ideat utli. Kulħadd deher illi ħareġ impressjonat, żgur mhux l-inqas bis-"sinsla": il-kolonna oriġinalissma li sa titla' minn isfel nett.

Ir-rispons pożittiv baqa' ġej; anzi, ftit ġranet wara, opinjonista li jikteb artiklu regolari popolari f'*The Times* saħaq: *"Allow me to recommend that those of you who might be so disposed should put their hands into their pockets and hand over the paltry sum of €150 to the people who are promoting the museum in Victoria, next to the Basilica. I was privileged to be given a look at the project and it promises to be a worthy cause and a half"* (I.M. BECK, *The xenophobes in our midst*, 2 April 2011, p. 8). Inkuraġġixxa lill-qarrejja, fl-istil inimitabbli tiegħu, biex jidħlu fl-iskema *€150 agħmilhom elf!* Mela m'hemmx bżonn iktar min-naħa tiegħi!

Din id-darba nagħlaq billi nsemmi li fil-fatt iż-żjara mill-Ingilterra kompliet b'laqgħa twila ferm il-Ħadd u b'intervent tagħhom waqt il-programm ta' kull nhar ta' Tlieta fuq *Leħen il-Belt Victoria, Mużew tagħna: Mużew għal kulħadd*.




## *Nifirħu lil...*

- Chris F. Galea KM, mill-Fontana, li fit-12 ta' April 2011 ġie mgħolli għall-grad ta' Kavallier tal-Grazzja Maġistrali fi ħdan l-Ordni Sovran ta' Malta, fl-Oratorju tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Chris jagħmel ħafna xogħol ta' volontarjat fil-parroċċa tagħna, speċjalment mal-morda u l-anzjani, u hu responsabbli mill-Assoċjazzjoni Għawdxija tal-Voluntiera ta' l-Ordni ta' Malta li għandha l-kwartieri tagħha fit-tieni sular ta' Dar *Leħen il-Belt Victoria* fi Pjazza San Ġorġ.

## *Donazzjonijiet*

Mons. Coronato Grima (Victoria) – €10 | Patri Eġidju Mizzi OFMCONV (Victoria) – €10.

*Inġeddu l-appell tagħna lil dawk kollha li jistgħu jgħinuna b'donazzjoni, ċkejkna kemm hi ċkejkna. Ibagħtu d-donazzjonijiet tagħkom fuq l-indirizz li jidher f'paġna 2. Bid-donazzjoni tagħkom b'riżq ir-rivista* Il-Belt Victoria *tkunu qed tagħtuha l-aqwa rigal f'għeluq it-tletin sena tagħha!*

# ROKNA għat-tfal



Għeżież tfal,

Kif intom? Jien ninsab tajjeb u hekk nixtieq nara lilkom ukoll. Kellna tassew festa sabiħa ta' San Ġorġ u rajt ħafna minnkom. Jien mort għat-tlitt ijiem tat-Tridu u ħadt gost ferm nisma' l-priedki li għamlilna l-Arċipriet Emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia. Ma nafx hawn ieħor daqs dan is-saċerdot li jħobb lil Ġorġi tagħna! Biex tħobb lill-qaddis titulari tagħna San Ġorġ trid tkun tafu sew u biex issir tafu trid tisma' u taqra ħafna fuqu. Dan ix-xogħol qegħdin tagħmluh intom? Kellna wkoll Velja sabiħa li rnexxiet u s-siġġijiet ittieħdu kollha fil-pjazza tal-knisja, u l-għada kellna wkoll pontifikal li tmexxa mill-Isqof li tkellem tajjeb ħafna. Irridu nkunu bħall-Isqof u ma nibżgħux nuru t-twemmin tagħna. Fil-marċ mortu sew jew! Dalwaqt jasal żmienhom!

Irrid ukoll nifraħ lil dawk fostkom li rċivew il-Griżma ta' l-Isqof u lil dawk li għamlu l-Ewwel Tqarbina. Issa importanti li jum bħal dan ma tinsewh qatt u li dawk li rċivew il-Griżma ta' l-Isqof jibqgħu jmorru għal-lezzjonijiet tad-duttrina. Iż-żmien għaddej ġmielu u issa tibda s-sħana u xi drabi ma jkollkomx aptit tistudjaw, imma importanti li tagħmlu ftit tas-sagrifiċċju biex kif ifeġġu l-eżamijiet ta' l-aħħar, tmorru tajjeb u b'hekk tkunu tistgħu tgawdu s-Sajf, b'mod speċjali l-festa l-kbira! Tafu għal liema festa qed nirreferi, hux! Dik li tiġi fit-tielet Ħadd ta' Lulju! Il-festa tagħna. Imma sakemm tiġi din, irridu mmorru għall-Ħamisijiet ta' San Ġorġ li jħejjuna għal dik il-ġurnata kbira u sabiħa. Qed nara ħafna minnkom jiġu għal din il-Quddiesa speċjali u qis li ma tfallux; anzi ħajru lil sħabkom biex jiġu huma wkoll.

## Kompetizzjoni

Mela la qegħdin nitkellmu fuq San Ġorġ, il-kompetizzjoni li sa nagħmlu sa tkun fuq hekk. Din id-darba rrid minn għandkom dan li ġej. **Ibagħtuli żewġ strofi/stanzi (stanza jew strofa tfisser erba' versi) minn xi poeżija li xi darba ltqajtu magħha fuq Sana Ġorġ u għiduli x'jisimha l-poeżija li tkunu sibtu u min kitibha.**

Min jixtieq jieħu sehem f'din il-kompetizzjoni, jidħol biċ-ċans li jirbaħ ktieb sabiħ, ġentilment mogħti lilna mill-*Klabb Kotba Maltin*.

Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom liz-Ziju Joe, 11/"Marjos", Triq Sir Paul Boffa, Victoria VCT 2111, Għawdex, sa nhar il-Ħadd 17 ta' Lulju 2011.

*Iż-Żiju Joe*

## IL-BELT VICTORIA: Paġni minn dawn it-tletin sena...



IL-BELT VICTORIA
RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX
Nru. 8 Settembru - Ottubru 1982
EDITORJAL
NITGĦALLMU DEJJEM
21 ta' SETTEMBRU
JUM IL-KONSAGRAZZJONI

1



ŻJARA MILL-KARDINAL SALV. PAPPALARDO

TWAQQFET IL-LADIES SOCIETY

2



IL-BELT VICTORIA
RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX
Ħsebijiet u Tifkiriet
"Rajt tnejn jitkellmu f'ċella . . ."
NIXTIEQU S-SENA T-TAJBA LIL KULĦADD

3

**1 Settembru-Ottubru 1982 (8):** L-ewwel darba li deher fuq il-qoxra tar-rivista l-*header* aġġornat tas-silwett li juri l-koppla u l-kampnar tal-Bażilika ta' San Ġorġ (disinn ta' Ġużeppi Sagona). **2 Novembru-Diċmebru 1983 (15):** *Il-Belt Victoria* tħabbar it-twaqqif tal-*Ladies Society*. **3 Jannar-Frar 1984 (16):** L-ewwel ħarġa fid-daqs A4.

## Qaddisin "Ġorġjani" 32

RABTIET MAL-KULT TAL-PATRUN TAGĦNA
U MA' DAN IT-TEMPJU DDEDIKAT LILU



*Antoine Vassallo*
vasanti@maltanet.net

# San Ġwann Damaxxenu

(tifkira liturġika fl-4 ta' Diċembru)

Ftit hu magħruf fiċ-ċert fuq il-ħajja ta' dan l-għaref. L-"isem" Damaxxenu ġej mill-fatt li twieled f'Damasku, għall-ħabta tas-sena 676. Missieru kien uffiċċjal, forsi "ministru tal-Finanzi", mal-Kalif Abdul Malek; mela rrispettat għalkemm Nisrani prattikanti. Biex jagħtihom l-aqwa edukazzjoni, jingħad li qabbad patri jismu Kożma, li oriġinalment kien inħataf skjav minn Sqallija, bħala għalliem għal uliedu; u allura Ġwanni mexa 'l quddiem ferm fil-matematika, fil-mużika, fl-astronomija u fit-teoloġija. Mal-mewt ta' missieru, inħatar hu wkoll f'pożizzjoni għolja (*protosymbulus*).



Dak iż-żmien tfaċċat l-"ereżija" Ikonoklasta, li riedet il-qerda tax-xbihat tal-qaddisin. Ġwanni ma qagħadx lura milli jiddefendi din id-drawwa Nisranija, anki kontra l-Imperatur Biżantin Ljun III u l-editt li ħareġ. L-ikoni, bħall-pitturi fil-knejjes tagħna, jirrakkontaw l-istorja għal min ma jafx jew ma jistax jaqra: mimlija tagħlim u simboliżmi li jħeġġuna għall-virtujiet u għall-imitazzjoni tal-qaddisin. L-ikona m'hix sempliċi opra ta' l-arti: għandha dimensjoni spiritwali essenzjali. L-argumenti ta' Ġwanni tant kienu ċari u qawwija li l-poplu ma tax kas tal-liġijiet imperjali. Dan, biex jeħles mill-"għadu", iffalsifika ittra fejn Ġwanni qiegħed joffrilu li jittradixxi 'l beltu u jerħilu lil Damasku f'idejh. Għall-ewwel il-Kalif emmen u keċċieh mill-kariga. Meta ntebaħ bl-ingann, riedu jerġa' lura, iżda sadattant Ġwanni – li kien tant jimpressjona peress li nieqes minn kull rabta mal-qawwa tas-setgħa – ħass sejħa oħra: daħal fil-Monasteru ta' San Saba ftit 'l hemm minn Ġerusalemm. Il-biċċa ma ntemmitx hekk, għax l-Imperatur il-ġdid kien favur l-Ikonoklasti wkoll u għajjar bis-sħiħ lid-Damaxxenu. Iżda s-Seba' Kunsill ta' Nicea fis-sena 787 pattielu bil-kbir, u iktar tard tawh it-titlu ta' *Chrysorrhoas* (li jfisser "bid-deheb inixxi minn fommu") minħabba s-sengħa li biha kien jitkellem.

Għax għalkemm forsi ma tantx nafu dettalji personali fuqu, tagħlimu nafuh sew mill-ħafna li waslilna mid-diskorsi u kitbiet tiegħu. Biex nieħu aspett wieħed biss, l-omeliji faħħruhom għall-"elokwenza drammatika u x-xbihat ċari". Minħabba l-mod kif ġabar b'mod "enċiklopediku" il-ħsieb teoloġiku, Ġwanni ssejjaħ "l-ewwel fost l-Iskolastiċi". Mhux hekk biss: influwenza anki l-filosofija Għarbija! Fost l-aqwa xogħlijiet tiegħu hemm *Għajn ta' l-Għerf*, anki minħabba li fih insibu t-terminoloġija teknika użata mill-Padri Griegi fl-espożizzjoni tal-Fidi; sekli wara l-Papa Ewġenju III saħansitra ordna li ssir traduzzjoni għal-Latin ta' parti, traduzzjoni li serviet anki għal San Tumas ta' Aquino. Hemm min ikkummenta li s-*Summa Theologica* ta' dan hi ekwivalenti fil-Knisja tal-Punent għal dak li hu San Ġwann f'tal-Lvant. Lanqas ta' min iħalli barra tant kummentarji Bibliċi kif ukoll innijiet liturġiċi.

Fil-fatt id-Damaxxenu kien affaxxinat mis-sbuħija: kemm fil-mużika u l-kant, u kemm fix-xbihat ta' l-ikoni. Iddeskrivewh bħala "innamrat minn Ġesù, Marija u l-qaddisin". It-talb kien "jibdillu kollox fi sbuħija" (kif esklama bijografu); ħajtu ddedikata għat-talb ipprovdietlu l-ħeġġa biex joffri t-talenti li bihom kien imżejjen għas-servizz ta' Alla u għall-ħarsien assidwu tal-fidi u d-drawwiet tal-Knisja. Kellu rikonoxxenza kostanti li jista' jservi: "Midjunin li nistgħu niggustaw u nfaħħru 'l Alla, lill-Verġni Mbierka u lill-qaddisin". Kummentaturi jżidu li din il-ġibda għas-sbuħija għandna nħaddmuha f'ħajjitna, meta niftakru li aħna xbieha ta' Alla u ruħna għatxana għalih.

L-Ortodossi baqgħu b'qima kbira lejn dan il-qaddis; isejħulu "Kampjun ta' l-Ortodossija u Għalliem tal-Qima vera". Ifaħħruh għal għerfu li "iżejjen 'il-kbarat u jdawwal kollox". Il-Papa Ljun XIII daħħlu fil-lista tad-Dutturi tal-Knisja, l-aħħar fost il-"Griegi". U l-Papa Piju XII ikkwota silta minn kitbietu u sejjaħlu "interpretu *per eccellenza* ta' din it-tradizzjoni", fid-dokument tad-domma ta' l-Assunzjoni. Hu magħdud b'patrun ta' l-artisti minħabba d-difiża qawwija tiegħu favur l-ikoni u allura l-pittura. Jixraq li niftakru fih u nirringrazzjawh, x'ħin insibuna mdawrin b'tant sbuħija artistika fil-Bażilika Ġorġjana, biex insemmi eżempju mill-aqwa!

Iżda l-"Ġorġjanità" ta' dan l-għaref insibuha prinċipalment f'innu liturġiku twil għal jum il-patrun tagħna. Hawn jipproponihulna biex nimitawh, biex nimxu skond il-vokazzjoni tagħna: ta' bnedmin u ta' Nsara. Għax għalih San Ġorġ hu ikona ta' Kristu, it-teoloġija megħjuxa.

*Nissuġġerilkom taqraw l-istudju tal-Kan. George J. Frendo fil-volum enċiklopediku* SAN ĠORĠ*, paġna 54.*



# Mid-Djarju Parrokkjali
KRONAKA TAL-PARROĊĊA
Frar - Marzu 2011

*Andrew Formosa*
andrew@ilbeltvictoria.org

**» 2 ta' Frar**
**05.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa konċelebrazzjoni solenni, bis-sehem tal kapitlu u l kleru, fil-festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej. Kienu mistiedna t-tfal flimkien mal-ġenituri tagħhom, fejn saret il-preżentazzjoni uffiċjali lill-komunità ta' dawk l-istudenti li iktar tard din is-sena kellhom jirċievu l-Ewwel Tqarbina u l-Konfirmazzjoni. Fost l-oħrajn, it-tfal ġew imsejħin b'isimhom u telgħu flimkien mal-ġenituri jixegħlu mill-blandun ix-xemgħa tagħhom.



**» 8 ta' Frar**
Tħabbret il-mewt ta' Patri Serafin Borg OSA, membru onorarju tal-Kapitlu Ġorġjan, fl-età ta' kważi 79 sena, fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.
B'digriet ta' l-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech, Mons. George Bezzina ġie maħtur amministratur tal-knisja filjali ta' San Ġakbu, wara l-mewt ta' Mons. Ġużeppi Curmi mill-Munxar.
**» 10 ta' Frar**
**09.00am:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa konċelebrazzjoni solenni, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru, fis-solennità tan-Nawfraġju ta' San Pawl Missierna. L-altar ta' San Pawl fil-bażilika kien imżejjen u mixgħul għall-okkażjoni.
**Wara nofs in-nhar:** Il-*Ladies Society* organizzat il-pellegrinaġġ u Quddiesa tas-soltu fil-knisja parrokkjali tal-Munxar.
**05.30:** Fl-uffiċċju parrokkjali ltaqa' l-*equipe* ta' l-animaturi, katekisti u ġenituri responsabbli mill-ħidma pastorali mat-tfal.
**07.30pm:** Il-Kumitat Storiku-Kulturali tal-Bażilika ltaqa' biex jiddiskuti t-tħejjijiet għall-akkademja mużiko-letterarja u l-konċelebrazzjoni *de requie* f'ġieħ l-Isqof Nikol Ġ. Cauchi.
**» 10, 11 u 12 ta' Frar**
**06.00pm:** L-Arċipriet Emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia mexxa l-Quddies u għamel il-priedka tat-tlett ijiem tat-Tridu bi preparazzjoni għall-festa parrokkjali tal-Verġni Mqaddsa ta' Lourdes.
**» 11 ta' Frar**
**04.00pm:** Sar il-funeral ta' Patri Serafin Borg OSA fil-kunvent u l-knisja ta' l-Agostinjani fir-Rabat ta' Għawdex, immexxi mill-Provinċjal ta' l-Agostinjani Maltin, Patri Emmanuel Borg Bonello. Mons. Isqof Mario Grech assista minn fuq it-tron, waqt li attendew ukoll membri tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' San Ġorġ.
**07.30pm:** Is-seminaristi Maltin, akkumpanjati mir-rettur Dun Jimmy Bonnici, għamlu żjara lill-bażilika u mbagħad ġew milqugħa bi pranzu fid-dar parrokkjali.
**» 13 ta' Frar**
**05.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa konċelebrazzjoni solenni, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru, fit-tifkira liturġika tal-Verġni Mqaddsa ta' Lourdes. Ġie amministrat is-sagrament tal-Griżma tal-Morda, bl-assistenza tal-voluntiera Għawdxin ta' l-Ordni ta' San Ġwann ta' Malta. Wara ħarġet purċissjoni *aux flambeaux* bl-istatwa tal-Verġni Mbierka fil-toroq viċin tal-bażilika.
**» 17 ta' Frar**
**07.30pm:** Reġgħet saret laqgħa oħra preparatorja tal-Kumitat Storiku-Kulturali tal-Bażilika, fejn fost l-oħrajn ġiet diskussa l-ħsara li ġiet osservata fuq l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes. Il-Kumitat iddeċieda li jiġi avviċinat l-artist Ġużeppi Sagona biex jissuġġerixxi pjan ta' restawr.
**Minn nofs Frar**, id-djaknu Samuel Grech, li diġà kien ilu jagħti servizz pastorali fil-parroċċa tagħna għall-aħħar sena u nofs, beda joqgħod fid-dar parrokkjali mill-Ħamis sal-Ħadd, bħala parti mill-programm ta' formazzjoni tiegħu.
**» 19 ta' Frar**
**08.00pm:** Il-*cantoria* ta' l-*Abbots Bromley Choir*, minn Staffordshire fir-Renju Unit, tellgħu kunċert korali fil-bażilika, taħt id-direzzjoni ta' Colin Walker.
**» 23 ta' Frar**
**06.00pm:** Saret l-ewwel laqgħa tal-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira bi tħejjija għar-Randan u l-Ġimgħa Mqaddsa, taħt il-presidenza ta' Mons. Anton Borg, vigarju parrokkjali. Fiha ġew diskussi bosta punti importanti, fosthom l-organizzazzjoni tal-Purċissjoni Penitenzjali tal-Ġimgħa l-Kbira.
**» 25 ta' Frar**
**08.00pm:** Mons. Anton Borg, vigarju parrokkjali, mexxa laqgħa għall-adolexxenti fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.
**» 27 ta' Frar**
**12.00pm:** Il-parroċċa offriet ikla lill-persuni b'diżabbiltà li jingħataw servizz minn Dar *Arka* ta' Għajnsielem, fiċ-ċentru parrokkjali.
**» 6 ta' Marzu**
L-Uffiċċju Parrokkjali xandar il-programm ta' attivitajiet parrokkjali għal żmien ir-Randan.
**» 9 ta' Marzu**
**05.30pm:** Bdiet issir it-talba ta' kuljum tal-*Via Crucis* fil-bażilika, għaż-żmien kollu tar-Randan.



**06.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa konċelebrazzjoni solenni, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru, nhar l-Erbgħa tar-Rmied, li fiha sar ir-Rit tar-Rmied. Mit-Tlieta fil-għaxija, għall-perjodu kollu tar-Randan, l-istatwa ta' Ġesù Kurċifiss tqiegħdet għall-qima fuq wara ta' l-altar tat-tribuna.

**» 10 ta' Marzu**

**05.00pm:** Saret l-ewwel Ċelebrazzjoni tar-Randan minn tlieta għat-tfal u l-adolexxenti tal-parroċċa. Kienu mistiedna b'mod speċjali t-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u tal-Konfirmazzjoni miċ-ċentri kollha tad-duttrina. F'din iċ-ċelebrazzjoni, li ħadet post il-Quddiesa tal-ħin, saru tliet waqfiet tat-Triq tas-Salib, qari mill-Vanġelu, kant u talb, u meditazzjonijiet qosra minn Mons. Anton Borg, vigarju parrokkjali; it-tfal ħadu sehem billi libsu konfratiji u ġarrew xi simboli marbuta mal-Passjoni. Kull ċelebrazzjoni ntemmet bil-Barka Ewkaristika.

**» 11 ta' Marzu**

**06.00pm:** Saret l-ewwel laqgħa ta' formazzjoni spiritwali għaż-żmien tar-Randan miftuħa għall-membri tal-Fratellanza tas-Santissmu Kurċifiss, fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*. Din tmexxiet minn Dun Ġużepp Gauci.

**» 12 ta' Marzu**

**08.00pm:** Ittellgħet fil-bażilika Akkademja Mużiko-Letterarja bis-sehem tal-Kor *Laudate Pueri* u l-Banda Ċittadina *La Stella* biex tfakkar lill-Isqof ta' Għawdex Mons. Nikol Ġ. Cauchi. Din l-akkademja kienet tikkonsisti f'interventi mużikali kif ukoll letterarji. Fi tmiem is-serata nfetħet wirja kommemorattiva fil-Kappella ta' Ġesù u Marija u tnieda ktieb fuq ir-rabta ta' Mons. Isqof Cauchi mal-parroċċa ta' San Ġorġ, ippubblikat mill-Kumitat Storiku-Kulturali. Għall-akkademja attendew bosta mistiedna distinti, fosthom l-Ambaxxatur ta' l-Istati Uniti f'Malta Dr Douglas W. Kmiec.

**» 13 ta' Marzu**

**11.00am:** Mons. Giovanni Bosco Gauci, vigarju ġenerali tad-djoċesi Għawdxija, mexxa konċelebrazzjoni solenni *de requie* b'suffraġju ta' l-istess Isqof Cauchi, bis-sehem ta' delegazzjoni ta' tliet kanonċi mill-Kapitlu Katidrali, li fiha ħadu sehem il-kapitlu u l-kleru tal-Bażilika Ġorġjana kif ukoll rappreżentanza ta' l-Ordni ta' Malta. Lejn tmiem il-konċelebrazzjoni, l-Arċipriet Cardona, f'isem il-kapitlu u l-komunità parrokkjali kollha, ta donazzjoni simbolika lil Mons. Gauci, bħala Arċidjaknu tal-Katidral ta' Għawdex, b'riżq il-monument li qed isir għal fuq il-qabar ta' l-Isqof Cauchi. Wara l-Quddiesa saret ikla għall-membri tal-kleru flimkien ma' Mons. Gauci fid-dar parrokkjali.

**» 14-17 ta' Marzu**

**07.30pm:** Mons. Anton Borg, vigarju parrokkjali, ta l-ewwel kors ta' eżerċizzi spiritwali tar-Randan, li kien indirizzat għall-koppji miżżewġa, fil-bażilika.

**» 17 ta' Marzu**

**05.00pm:** Ittellgħet it-tieni Ċelebrazzjoni tar-Randan għat-tfal u l-adolexxenti tal-parroċċa, fil-bażilika.

**07.30pm:** Inħarġet fil-bażilika l-ewwel statwa mis-sett tal-Ġimgħa l-Kbira. Għall-Ġimgħat ta' wara tar-Randan komplew jinħarġu l-istatwi l-oħra fis-sett, kull waħda taħt arkata differenti tal-korsija, biex iservu ta' għajnuna lill-fidili fil-meditazzjoni fuq il-Passjoni fi żmien ir-Randan imqaddes.

**» 19 ta' Marzu**

**09.00am:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa konċelebrazzjoni solenni, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru, fis-solennità liturġika ta' San Ġużepp. L-istatwa tal-qaddis ma nħarġitx fil-bażilika minħabba li l-festa ħabtet fi żmien ir-Randan.

**Fil-għodu:** Il-*Moviment Azzjoni Soċjali* organizza nofs ta' nhar ta' formazzjoni lill-koppji miżżewġa fuq it-trobbija ta' l-ulied, immexxi minn Dr Joyce Callus, fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*. Iktar laqgħat saru fil-ġimgħat ta' wara.

**Wara nofs in-nhar:** Id-djaknu Samuel Grech akkumpanja lill-membri tal-Grupp tal-Vokazzjonijiet f'*Via Crucis* fuq l-għolja Ta' Għammar.

**» 21 ta' Marzu**

**04.00pm:** Saret laqgħa għas-saċerdoti ta' Żona A fid-djoċesi tagħna, fiċ-ċentru parrokkjali ta' San Ġorġ. Għamel ukoll żjara Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, li għaddielhom nota duttrinali u pastorali fuq is-sagrament taż-Żwieġ.

**» 21-25 ta' Marzu**

**07.30pm:** Mons. George Bezzina ta t-tieni kors ta' eżerċizzi spiritwali tar-Randan, l-ewwel wieħed minn żewġ korsijiet għal kulħadd, fil-bażilika.

**» 24 ta' Marzu**

**05.00pm:** Saret l-aħħar Ċelebrazzjoni tar-Randan għat-tfal u l-adolexxenti tal-parroċċa, fil-bażilika.

**» 25 ta' Marzu**

**06.00pm:** L-Arċipriet Emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia mexxa konċelebrazzjoni solenni, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru, fis-solennità tat-Tħabbira tal-Mulej.

**08.00pm:** Mons. Anton Borg, vigarju parrokkjali, mexxa laqgħa oħra għall-adolexxenti tal-parroċċa, fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**» 26 ta' Marzu**

**07.30pm:** Saret il-preżentazzjoni tal-kunċett tad-disinn tal-mużew mibni mill-*Fondazzjoni Belt Victoria*, fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*, li għaliha attendew bosta benefatturi u ħbieb tal-proġett, kif ukoll mistiedna distinti. L-espożizzjoni prinċipali saret minn Chris Walker, f'isem id-ditta *Bright White Ltd* ta' York, l-Ingilterra, waqt li saru wkoll diskorsi minn Mons. Ġużeppi Farrugia, Kordinatur tal-Proġett, u mis-Sur Joe Said, iċ-*chairperson* ta' *Heritage Malta*. L-attività kompliet 'l għada b'*open day* fil-binja, kif ukoll b'laqgħat ta' ħidma tad-disinjaturi mal-membri tal-Fondazzjoni.

















## ALBUM TAL-ĠIMGĦA MQADDSA 2011 F'SAN ĠORĠ

**1 L-istatwa l-ġdida ta' Ġesù Marbut.** xogħol fl-injam ta' Michael u Adonai Camilleri Cauchi, qabel il-fażi tal-polikromija. L-istatwa ħarġet għall-ewwel darba fil-Purċissjoni Penitenzjali tal-Passjoni. | **2 Ħadd il-Palm, 17 ta' April:** Korteo qabel it-Tberik tal-Palm u ż-Żebbuġ. | **3 It-Tnejn, 18 ta' April:** Pellegrinaġġ tar-Redentur mill-knisja ta' San Franġisk. | **4 It-Tlieta, 19 ta' April:** Ċelebrazzjoni Penitenzjali bl-Ewwel Qrara. | **5 L-Erbgħa tat-Tniebri, 20 ta' April:** *Via Crucis* fi Pjazza San Ġorġ. | **6 Il-Ġimgħa l-Kbira, 22 ta' April:** Tifkira Solenni tal-Mewt tal-Mulej. | **7 Vġili ta' l-Għid, 23 ta' April:** Mixegħla tal-Blandun quddiem il-bażilika. | **8 Ħadd il-Għid, 24 ta' April:** Dimostrazzjoni reliġjuża bi Kristu Rxoxt fi Triq ir-Repubblika.